2026/341

24.2.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/341**

**tal-11 ta' Awwissu 2025**

**li tagħti lir-Repubblika tal-Polonja deroga mill-Artikolu 22(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kapaċità Pollakk**

*(notifikata bid-dokument C(2025) 5575)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku ([1]), kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1747 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA U KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI

(1) Fl-4 ta' Frar 2025, ir-Repubblika tal-Polonja ("il-Polonja") issottomettiet talba lill-Kummissjoni għal deroga ("id-deroga") mir-rekwiżit fl-Artikolu 22(4), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/943 ("ir-Regolament dwar l-Elettriku") skont l-Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku ("l-applikazzjoni").

(2) Id-deroga mitluba tkun tapplika mill-1 ta' Lulju 2025 sal-31 ta' Diċembru 2028.

(3) Fl-14 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni fuq is-sit web tagħha u stiednet lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jissottomettu l-kummenti sas-17 ta' Marzu 2025. Parti kkonċernata waħda ssottomettiet kummenti.

(4) Il-Polonja ssottomettiet informazzjoni addizzjonali fit-28 ta' Frar, fis-26 ta' Marzu, fid-9, fis-17 u fil-25 ta' April, fil-5, fis-7 u fil-15 ta' Mejju, u fit-2 ta' Ġunju 2025.

## 2. IL-MEKKANIŻMU TA' KAPAĊITÀ EŻISTENTI

(5) L-applikazzjoni tikkonċerna l-mekkaniżmu ta' kapaċità li huwa fis-seħħ bħalissa fil-Polonja (il-"mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti"), li rċieva l-approvazzjoni għall-għajnuna mill-Istat skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2018 ([3]) ("id-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat"). Fl-applikazzjoni tagħha, il-Polonja kkonfermat li l-karatteristiċi ewlenin tal-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti baqgħu l-istess mill-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat 'l hawn. Din id-Deċiżjoni tirreferi għad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti.

(6) Il-bidliet ewlenin fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti mill-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat 'l hawn jirriżultaw mir-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-Elettriku, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2019, li jistabbilixxi, għall-ewwel darba, regoli dettaljati dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE.

([1]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.
([2]) ĠU L, 2024/1747, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1747/oj.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2018 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA.46100 (2017/N) – Il-Polonja – Mekkaniżmu ta' kapaċità Pollakk ippjanat.

(7) Skont l-Artikolu 22(4)(b) tar-Regolament dwar l-Elettriku, minn mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2025, il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li bdiet il-produzzjoni kummerċjali qabel l-4 ta' Lulju 2019 ("impjanti eżistenti") u li tarmi aktar minn 550 g ta' $CO_2$ li joriġina mill-fjuwils fossili għal kull kWh ta' elettriku ("il-limitu tal-emissjonijiet") u aktar minn 350 kg ta' $CO_2$ li joriġina mill-fjuwils fossili bħala medja fis-sena għal kull kWe installat ("il-limitu tal-baġit tal-karbonju") ma tistax tkun impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri skont mekkaniżmu ta' kapaċità. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għall-impenji jew għall-kuntratti konklużi qabel il-31 ta' Diċembru 2019.

(8) Il-Polonja inkorporat il-limitu tal-emissjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, filwaqt li evitat li jipparteċipaw impjanti eżistenti li jaqbżu l-limitu tal-emissjonijiet fi rkantijiet li saru wara l-31 ta' Diċembru 2019, u stabbiliet ir-regoli għall-kalkolu tal-limitu tal-emissjonijiet għal kull unità tas-suq tal-kapaċità. Konsegwentement, mill-1 ta' Lulju 2025, l-impjanti eżistenti li jaqbżu l-limitu tal-emissjonijiet ma għadhomx eliġibbli għal pagamenti jew għal impenji għal pagamenti futuri skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti, mingħajr preġudizzju għall-impenji jew għall-kuntratti konklużi qabel il-31 ta' Diċembru 2019.

(9) Il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti huwa mekkaniżmu li jkopri s-suq kollu fil-forma ta' obbligu ta' kapaċità, li bih il-parteċipanti fis-suq jirċievu remunerazzjoni tal-kapaċità fissa bi skambju għad-disponibbiltà matul il-jiem tax-xogħol bejn is-07:00 u l-22:00 u matul perjodi ta' stress fuq is-sistema.

(10) Kif iddikjarat fil-premessa 4 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti huwa miftuħ għal ġeneraturi ġodda, rinnovati u eżistenti, għal operaturi tar-rispons tad-domanda u tal-ħżin, li jinsabu fil-Polonja jew fi Stati Membri ġirien tal-UE. Il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti jeskludi l-fornituri tal-kapaċità li jirċievu forom oħra ta' appoġġ (ara l-premessa 18 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat). Il-parteċipazzjoni transfruntiera hija permessa skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti kif stabbilit fit-Taqsima 2.5 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-fornituri tal-kapaċità li jinsabu f'żoni ġirien jistgħu jipparteċipaw direttament fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti (f'konformità mas-soluzzjoni fil-mira stabbilita fid-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat). Il-parteċipazzjoni fil-kapaċità barranija ma tistax taqbeż il-livell previst ta' importazzjonijiet lejn il-Polonja matul eventi ta' stress fuq is-sistema. Il-kapaċità massima ta' dħul għall-parteċipazzjoni transfruntiera għal kull sena ta' konsenja hija kkalkolata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 26(7) tar-Regolament dwar l-Elettriku, abbażi tal-aħħar rapport approvat ta' valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi (ERAA, European Resource Adequacy Assessment).

(11) Ir-rekwiżiti ta' prekwalifikazzjoni applikabbli għall-fornituri tal-kapaċità jkunu stabbiliti fid-dettall minn qabel, kif deskritt fit-Taqsima 2.3.2. tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(12) Kif iddikjarat fil-premessa 37 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, kull sena jsir irkant tal-kapaċità għal sena ta' konsenja partikolari, b'perjodu ta' żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' 5 snin ("irkant ewlieni"). Għal kull trimestru ta' sena ta' konsenja partikolari jsiru rkantijiet addizzjonali fis-sena ta' qabel dak il-perjodu ta' konsenja ("irkant addizzjonali"). Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-irkantijiet ewlenin u l-irkantijiet addizzjonali kollettivament jissejħu "rkantijiet primarji".

(13) Il-format tal-irkant huwa deskritt fit-Taqsima 2.4.2 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Kull irkant huwa rkant bi ħlas skont il-prezz ta' kklirjar, fejn il-ħin jibda jonqos, li fih l-unitajiet ta' kapaċità rebbieħa kollha jirċievu l-istess prezz biex jissodisfaw l-obbligi ta' kapaċità tagħhom. L-irkantatur iħabbar prezz għoli fil-bidu tal-irkant, u l-parteċipanti eliġibbli jissottomettu offerti sabiex jindikaw kemm ikunu lesti li jfornu kapaċità b'dak il-prezz. Dan il-proċess jiġi rripetut f'sessjonijiet suċċessivi skont skeda predeterminata. F'kull sessjoni, l-unitajiet tas-suq tal-kapaċità jistgħu jirtiraw mis-sessjonijiet sussegwenti billi jissottomettu offerta ta' ħruġ. L-irkant jagħlaq meta jiġi identifikat l-aktar prezz baxx li bih id-domanda tissodisfa l-provvista.

(14) L-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata permezz ta' rkantijiet primarji jiġi ddeterminat abbażi tal-proċedura stabbilita fit-Taqsima 2.4.1 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:

— L-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi rkantata huwa bbażat fuq l-istandard ta' affidabbiltà, li l-gvern Pollakk stabbilixxa bħala 3 sigħat ta' tbassir tat-telf tat-tagħbija ("LOLE", Loss Of Load Expectation) fis-sena.

— Polskie Sieci Elektroenergetyczne S.A. - l-operatur Pollakk tas-sistema ta' trażmissjoni ("TSO", Transmission System Operator) - jivvaluta xenarji differenti għal-livell tad-domanda għall-elettriku u l-ammont ta' kapaċità pprovduta minn impjanti tal-enerġija li mhumiex eliġibbli għall-pagamenti tal-kapaċità (eż. sorsi ta' enerġija rinnovabbli ("RES", Renewable Energy Sources) li jirċievu appoġġ bi skemi ta' sostenn oħra). Abbażi ta' dik l-analiżi, it-TSO jissottometti rakkomandazzjoni lill-gvern u lill-awtorità regolatorja nazzjonali Pollakka ("NRA", National Regulatory Authority) dwar l-ammont ta' kapaċità meħtieġa biex jiġi jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà.

— Ir-rakkomandazzjonijiet tat-TSO dwar l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi kkuntrattata permezz ta' rkantijiet biex jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà jiġu aġġornati qabel kull irkant biex jirriflettu l-aktar żviluppi reċenti fid-domanda mbassra, fl-ikkummissjonar ippjanat u fid-dekummissjonar tal-kapaċitajiet, fil-qafas regolatorju li dejjem jevolvi u fiċ-ċirkostanzi tas-suq. Għalhekk, l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata f'kull irkant jista' jvarja mill-ammont ikkalkolat għall-irkant preċedenti li jkun ikopri l-istess perjodu ta' konsenja.

— L-NRA tipproponi l-kapaċità fil-mira tal-irkant (ATC, Auction Target Capacity) lill-gvern u tagħti opinjoni dwar il-valuri tal-parametri l-oħra proposti mit-TSO qabel ma l-gvern jieħu d-deċiżjoni finali dwar l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata f'kull irkant. Imbagħad il-gvern jistabbilixxi l-parametri tal-kurva tad-domanda kif stabbilit fit-Taqsima 2.4.1. tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-kurva tad-domanda hija kurva b'inklinazzjoni bi prezz minimu ta' 0,12 PLN/kW (fejn l-anqas prezz possibbli huwa ta' 0,01 PLN/kW fix-xahar). Il-kurva tad-domanda hija mfassla b'tali mod li, jekk fi rkant partikolari l-prezzijiet ikunu għoljin, tiġi akkwistata anqas kapaċità, u viċi versa.

(15) Id-durata tal-kuntratti ta' kapaċità aġġudikati permezz ta' rkantijiet tiddependi fuq in-nefqa kapitali (CAPEX, Capital Expenditure) li l-unitajiet tas-suq tal-kapaċità jridu jġarrbu biex iwasslu l-kapaċità tagħhom (il-premessa 42 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat). Jistgħu jingħataw ftehimiet ta' sena lill-unitajiet tas-suq tal-kapaċità li ma jġarrbu l-ebda CAPEX sinifikanti (jiġifieri prinċipalment il-kapaċità eżistenti). Ftehimiet bħal dawn jistgħu jingħataw kemm permezz ta' rkantijiet ewlenin kif ukoll permezz ta' rkantijiet addizzjonali.

(16) Il-ftehimiet dwar il-kapaċità ta' aktar minn sena jkunu disponibbli biss għall-parteċipanti fl-irkantijiet ewlenin. B'mod partikolari:

a) unitajiet b'CAPEX ta' aktar minn 0,5 miljun PLN/MW (± 20 %) huma eliġibbli għal ftehimiet sa 5 snin;

b) unitajiet ġodda b'CAPEX ta' aktar minn 3 miljun PLN/MW (± 20 %) huma eliġibbli għal ftehimiet sa 15-il sena;

c) unitajiet li jilħqu l-istandard ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' 450 g$CO_2$/MWh ikunu eliġibbli għal ftehimiet sa 7 jew 17-il sena jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-punti a) u b) ta' hawn fuq.

(17) Jekk ikun hemm offerti ndaqs fi rkant tal-kapaċità, tingħata preferenza lill-kapaċità bl-anqas emissjonijiet (ara l-premessa 40 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat). Din il-miżura u dik imsemmija fil-punt c) ta' hawn fuq jissejħu b'mod konġunt bħala l-"bonus ekoloġiku".

(18) Fi rkantijiet addizzjonali, il-fornituri tal-kapaċità jistgħu jiġu aġġudikati bejn kuntratt wieħed u erbgħa kuntratti trimestrali tal-kapaċità li jvarjaw minn 3 xhur sa 12-il xahar.

(19) L-obbligi ta' kapaċità li jirriżultaw minn irkantijiet primarji jistgħu jiġu nnegozjati fis-suq sekondarju f'konformità mat-Taqsima 2.6 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(20) Kif indikat fil-premessa 93 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, il-fornituri tal-kapaċità rebbieħa jkunu meħtieġa jfornu l-enerġija kull meta jkun meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, jiġifieri matul eventi ta' stress fuq is-sistema. In-nuqqas li jiġi ssodisfat dan l-obbligu jirriżulta f'penali, kif stabbiliti fit-Taqsima 2.7.3 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

## 3. **DESKRIZZJONI TAD-DEROGA MITLUBA**

### 3.1. Kundizzjonijiet skont l-Artikolu 64(2c) tar-Regolament dwar l-Elettriku

(21) L-Artikolu 64(2c) tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi proċess tal-irkant b'żewġ stadji biex tiġi implimentata d-deroga, li jinkludu proċess tal-irkant primarju u ieħor supplimentari.

#### 3.1.1. *Proċessi tal-irkantijiet primarji (irkantijiet ewlenin u addizzjonali)*

(22) L-ewwel irkant ewlieni seħħ f'Novembru 2018. L-ewwel irkant addizzjonali seħħ fl-2020. Il-Polonja tirrapporta li saru l-irkantijiet ewlenin għas-snin ta' konsenja 2025 sa 2028, kif ukoll l-irkantijiet addizzjonali għall-2025 u għall-2026. Il-Polonja ssostni li l-irkantijiet primarji kollha mwettqa wara l-31 ta' Diċembru 2019 għal perjodu ta' konsenja li jibda wara l-1 ta' Lulju 2025 jikkostitwixxu rkantijiet primarji skont it-tifsira tal-Artikolu 64(2c)(a) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(23) Il-Polonja ssostni li l-organizzazzjoni tal-irkantijiet primarji għall-perjodi ta' konsenja li jibdew wara l-1 ta' Lulju 2025 tiżgura li jkunu biss il-fornituri tal-kapaċità li jissodisfaw il-limitu tal-emissjonijiet li jkunu jistgħu jipparteċipaw u li l-parteċipazzjoni tagħhom tkun massimizzata, peress li ma jiffaċċjawx kompetizzjoni minn fornituri li ma jissodisfawx il-limitu tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, il-kapaċità b'emissjonijiet baxxi tista' tibbenefika mill-bonus ekoloġiku. Barra minn hekk, il-kuntratti aġġudikati fl-irkantijiet primarji, u b'mod partikolari fl-irkantijiet ewlenin, għandhom durata ferm itwal minn dawk li kieku jiġu aġġudikati fl-irkantijiet supplimentari jekk tingħata d-deroga.

(24) Fl-applikazzjoni tagħha, il-Polonja targumenta li l-irkantijiet primarji li twettqu u li se [4] jitwettqu għas-snin ta' konsenja 2025 sa 2028 ma jsolvux it-tħassib dwar l-adegwatezza għal dawk il-perjodi ta' konsenja. Hija ssostni wkoll li, fin-nuqqas tad-deroga, l-unitajiet ta' ġenerazzjoni eżistenti li ma jissodisfawx il-limitu tal-emissjonijiet iżda li huma neċessarji biex jiggarantixxu l-adegwatezza tas-sistema jiġu ddekummissjonati minħabba l-vijabbiltà ekonomika negattiva.

(25) Dan it-tħassib dwar l-adegwatezza ġie identifikat abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni nazzjonali dwar l-adegwatezza tar-riżorsi ("NRAA", National Resource Adequacy Assessment) [5] tal-2024, li sservi wkoll bħala bażi għall-istima tal-ammont totali ta' kapaċità meħtieġa biex jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà ("obbligu ta' kapaċità meħtieġ", ara t-Table 1 ta' hawn taħt).

*Tabella 1*

*Tab. 5.3 Kapaċità tal-irkanti biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandard ta' affidabbiltà għall-konsumaturi finali fis-snin 2025-2028*

| Perjodu ta' konsenja | | Obbligi Totali ta' Kapaċità |
|---|---|---|
| It-tieni nofs tal-2025 | MW | 24 122 |
| 2026 | MW | 24 872 |
| 2027 | MW | 25 323 |
| 2028 | MW | 25 717 |

*Sors: l-NRAA Pollakka*

(26) Il-Polonja ssostni li, wara li jitnaqqsu mill-obbligu ta' kapaċità meħtieġ il-volumi diġà kkuntrattati permezz tal-irkantijiet primarji għas-snin ta' konsenja koperti mid-deroga (ara t-Table 2 ta' hawn taħt) kif ukoll kapaċitajiet oħra meqjusa disponibbli għas-sistema (eż. dawk appoġġati permezz ta' skemi oħra), jifdal distakk. L-ATC tirrappreżenta l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi kkuntrattata f'kull irkant f'konformità mal-metodoloġija deskritta fil-premessa (14) ta' hawn fuq. Il-valuri kollha jingħataw f'MW.

*Tabella 2*

| Sena | ATC (irkant ewlieni) | Volum ikkuntrattat tal-irkant ewlieni | ATC (irkant addizzjonali Q1) | ATC (irkant addizzjonali Q2) | ATC (irkant addizzjonali Q3) | ATC (irkant addizzjonali Q4) | Volum ikkuntrattat tal-irkant addizzjonali Q1 | Volum ikkuntrattat tal-irkant addizzjonali Q2 | Volum ikkuntrattat tal-irkant addizzjonali Q3 | Volum ikkuntrattat tal-irkant addizzjonali Q4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2025 | 2 526 | 2 367,304 | 3 520 | 1 131 | 500 | 842 | 3 144,653 | 1 142,555 | 524,569 | 830,866 |
| 2026 | 7 991 | 7 188,584 | 2 450 | 100 | 100 | 5 010 | 2 022,723 | 87,524 | 93,524 | 2 387,759 |
| 2027 | 6 237 | 5 379,156 | 1 909 | 100 | 100 | 1 284 | m/a | m/a | m/a | m/a |
| 2028 | 5 791 | 7 070,951 | m/a | m/a | m/a | m/a | m/a | m/a | m/a | m/a |

*Sors: il-Ministeru għall-Klima u għall-Ambjent, il-Polonja*

[4] Irkantijiet addizzjonali għas-snin ta' konsenja 2027 u 2028, li għandhom jitwettqu fl-2026 u fl-2027, rispettivament.
[5] PSE S.A., Il-pubblikazzjoni ta' rapport skont l-Artikolu 15(i) tal-Liġi dwar l-Enerġija, https://www.pse.pl/-/publikacja-raportu-zgodnie-z-art-15-i-ustawy-prawo-energetyczne?safeargs=696e686572697452656469726563743d74727565267265646972656374643d253246686f6d65.

3.1.2. *Irkantijiet supplimentari*

(27) Il-Polonja tipproponi l-introduzzjoni ta' rkantijiet supplimentari li jkunu miftuħa wkoll għal impjanti eżistenti li jaqbżu l-limitu tal-emissjonijiet. Il-Polonja tispjega li l-irkantijiet supplimentari għal sena partikolari jiġu organizzati biss meta l-ħtieġa għal kapaċità addizzjonali tkun iġġustifikata abbażi tar-riżultati tal-NRAA u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin biss:

(a) ikunu ġew konklużi l-irkantijiet ewlenin u addizzjonali għall-perjodu ta' konsenja partikolari; u

(b) l-irkantijiet ewlenin u addizzjonali jkunu naqsu milli jakkwistaw volum ta' kapaċità suffiċjenti biex jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà għal perjodu ta' konsenja partikolari.

(28) Il-Polonja tispjega li, jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati għal kull waħda mis-snin ta' konsenja koperti mid-deroga mitluba, hija twettaq erba' rkantijiet supplimentari għall-perjodi ta' konsenja li ġejjin: it-tieni nofs tal-2025 (kuntratt semiannwali) u s-snin ta' konsenja 2026, 2027 u 2028 (kuntratti annwali).

(29) Table 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċess tal-irkant b'żewġ stadji u s-snin li fihom isir kull irkant (ewlieni, addizzjonali u supplimentari, jekk ikun neċessarju).

*Tabella 3*

| Perjodu ta' konsenja tal-għajnuna mill-Istat | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **It-tieni nofs tal-2025** | MA | | | | AA | SA+DP | | | |
| **2026** | | MA | | | | AA+SA | DP | | |
| **2027** | | | MA | | | | AA+SA | DP | |
| **2028** | | | | MA | | | | AA+SA | DP |

Ministry of Climate and Environment Republic of Poland

**MA** – irkant ewlieni (main auction), **AA** – irkant addizzjonali (additional auction), **SA** – irkant supplimentari (supplementary auction), **DP** – perjodu ta' konsenja (delivery period)

*Sors: il-Ministeru għall-Klima u għall-Ambjent, il-Polonja*

(30) Il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li l-ewwel irkant supplimentari (għall-konsenja fit-tieni nofs tal-2025) twettaq fil-15 ta' Mejju 2025, b'ATC ta' 5 444 MW. Din l-ATC speċifika ġiet ivverifikata mill-NRA fl-ittra tagħha tal-14 ta' Mejju 2025. Abbażi tar-riżultati preliminari tal-irkant, intgħażlu t-teknoloġiji li ġejjin: il-faħam, il-gass, l-RES, ir-rispons tad-domanda u l-kapaċità transfruntiera, li jirriżultaw f'total ta' obbligi ta' kapaċità kkuntrattati ta' 5 050,856 MW. Il-Polonja kkonfermat li l-ftehimiet dwar il-kapaċità konklużi fl-irkantijiet supplimentari mhux se jiġu eżegwiti sakemm tiġi adottata din id-Deċiżjoni ([6]).

(31) Il-Polonja kkonfermat li l-irkantijiet supplimentari japplikaw l-istess kundizzjonijiet bħall-irkantijiet primarji skont l-iskema eżistenti, kif deskritt fit-Taqsima 2 ta' hawn fuq, ħlief għall-kriterji ta' eliġibbiltà (ara l-premessa (32)), għall-frekwenza tal-irkantijiet (ara l-premessi (28) u (29)), għall-formula applikata biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata, inkluża l-kapaċità transfruntiera (ara l-premessa (35)), u għad-durata tal-kuntratt (ara l-premessa (28)). Dawn l-elementi ġew aġġustati sabiex jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(32) Minbarra l-unitajiet eliġibbli biex jipparteċipaw fl-irkantijiet primarji, l-impjanti eżistenti li jaqbżu l-limitu tal-emissjonijiet jitħallew jipparteċipaw biss fi rkantijiet supplimentari.

(33) Sat-30 ta' April tas-sena ta' qabel il-perjodu ta' konsenja, it-TSO jew iħabbar id-data li fiha jkun se jsir l-irkant supplimentari jew, jekk l-istandard ta' affidabbiltà jkun jista' jintlaħaq permezz tal-irkantijiet ewlenin u addizzjonali (abbażi tal-NRAA), jikkonferma li ma jkun se jsir l-ebda rkant supplimentari għall-perjodu ta' konsenja kkonċernat.

([6]) Kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Att Pollakk tal-24 ta' Jannar 2025 li jemenda l-Att dwar is-Suq tal-Kapaċità (*Il-Ġurnal tal-Liġijiet* 2025, il-punt 159).

(34) Il-Polonja tispjega li l-NRA u l-Ministeru għall-Klima u għall-Ambjent jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-NRAA jew l-aġġornament tagħha. Din l-opinjoni tiġi ppubblikata mit-TSO u sservi bħala bażi għall-kalkolu tal-volum tal-kapaċità li għandu jiġi akkwistat fl-irkant supplimentari għal perjodu ta' konsenja partikolari.

(35) Skont il-Polonja, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont xieraq ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata f'kull irkant supplimentari, it-TSO japplika l-formula li ġejja: ATC = obbligi totali ta' kapaċità meħtieġa (kif identifikati fl-NRAA, ara t-Table 1 fil-premessa (25)) – kapaċità li ġiet ikkuntrattata permezz ta' rkantijiet primarji (ewlenin u addizzjonali) – kapaċità bi dħul garantit (eż. RES appoġġati bi skemi oħra).

(36) Abbażi tal-formula ta' hawn fuq, il-Polonja tistma li l-ATC għall-irkantijiet supplimentari għall-2025 u għall-2026 hija ta' madwar 5,4 GW u 6,9 GW rispettivament. L-ATC għall-2027 u għall-2028 tiġi kkalkolata wara li jkunu saru l-irkantijiet addizzjonali għal dawn is-snin ta' konsenja.

(37) Skont l-applikazzjoni, il-kuntratti ta' kapaċità annwali ma jistgħux jaqbżu d-durata tad-deroga, u għalhekk, il-pagamenti tal-kapaċità jkunu impenjati biss sa tmiem l-2028.

## 3.2. **Identifikazzjoni tat-tħassib dwar l-adegwatezza**

### 3.2.1. *L-istandard ta' affidabbiltà*

(38) L-Artikolu 25(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku jirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom standard ta' affidabbiltà fis-seħħ meta japplikaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità, li jindika "l-livell neċessarju ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Istat Membru".

(39) Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament dwar l-Elettriku, l-istandard ta' affidabbiltà jrid jiġi stabbilit mill-Istat Membru jew minn awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru, wara proposta mill-NRA. L-istandard ta' affidabbiltà jrid ikun ibbażat fuq il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 23(6) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(40) L-Artikolu 23(6) tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi l-istabbiliment ta' metodoloġija tal-UE għall-kalkolu tal-valur tat-tagħbija mitlufa ("VOLL", Value of Lost Load) ([7]), il-kost tal-entrata l-ġdida ("CONE", Cost Of New Entry) u l-istandard ta' affidabbiltà ("RS", Reliability Standard) ([8]).

(41) Fl-2024, il-Ministeru Pollakk għall-Klima u għall-Ambjent irrieżamina l-istandard ta' affidabbiltà u stabbilieh għal 3 sigħat ta' LOLE ([9]) fis-sena, li jikkorrispondi għall-valur stabbilit fit-Taqsima 2.2.1. tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Skont il-Polonja, l-istandard kien ibbażat fuq il-kalkoli magħmula f'konformità mal-metodoloġija tal-RS adottata mill-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER", Agency for the Cooperation of Energy Regulators) u bl-użu tal-parametri kkalkolati mill-NRA ([10]) u tar-riżultati tal-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi ("ERAA") għall-2023 ("ERAA 2023"). Id-deċiżjoni hija disponibbli għall-pubbliku ([11]).

### 3.2.2. *Valutazzjonijiet tal-adegwatezza tar-riżorsi*

(42) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku jirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-adegwatezza tar-riżorsi fit-territorju tagħhom abbażi tal-ERAA msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament. Sabiex jikkomplementaw l-ERAA, l-Istati Membri jistgħu jwettqu wkoll NRAA skont l-Artikolu 24 tar-Regolament.

([7]) L-Artikolu 2(9) tar-Regolament dwar l-Elettriku jiddefinixxi l-VOLL bħala "stima f'euro/MWh tal-prezz massimu tal-elettriku li l-klijenti huma lesti li jħallsu biex jevitaw l-indisponibbiltà tal-elettriku".

([8]) Fit-2 ta' Ottubru 2020, l-ACER approvat il-metodoloġija għall-kalkolu tal-VOLL (il-"metodoloġija tal-VOLL"), għas-CONE (il-"metodoloġija tas-CONE") u għall-istandard ta' affidabbiltà (il-"metodoloġija tal-RS"), kollettivament imsejħa l-"metodoloġija għall-metriċi tal-adegwatezza": https://acer.europa.eu/sites/default/files/documents/Decisions_annex/ACER%20Decision%2023-2020%20on%20VOLL%20CONE%20RS%20-%20Annex%20I.pdf.

([9]) Dan huwa ddefinit bħala n-numru medju ta' sigħat fis-sena li fihom il-provvista tkun mistennija li tkun anqas mid-domanda bit-tħaddim normali tas-sistema.

([10]) L-NRA Pollakka kkalkolat il-VOLL għal 80,6 elf PLN/MWh u s-CONE kif ġej: CONE fiss ta' 559 608 PLN/MWh u CONE varjabbli ta' 0 PLN/MWh.

([11]) Disponibbli online fuq https://dziennikustaw.gov.pl/DU/2024/1389.

(43) Skont l-Artikoli 23(3) u 24(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku, jenħtieġ li n-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku ("ENTSO-E", European Network of Transmission System Operators for Electricity) jiżviluppa metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji previsti fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament dwar l-Elettriku, li għandha tintuża għall-ERAA u kwalunkwe NRAA ([12]). Filwaqt li l-ERAA hija bbażata fuq xenarju ta' referenza ċentrali tad-domanda u tal-provvista mbassra, li l-NRAA trid tinkludi wkoll, l-NRAA tista' tqis ukoll sensittivitajiet addizzjonali (ara l-Artikoli 23(5) u 24(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku).

(44) Fit-2 ta' Mejju 2024, l-ACER approvat l-ERAA 2023. Din kienet l-ewwel darba li ERAA ġiet approvata formalment.

(45) L-ERAA 2023 timmudella 4 snin fil-mira (2025, 2028, 2030, u 2033). Ir-riżultati tax-xenarju ta' referenza ċentrali għall-Polonja fl-ERAA 2023 huma ppreżentati fit-Table 4 ta' hawn taħt. Meta l-LOLE rrapportat ikun anqas minn 3, jitqies li l-istandard ta' affidabbiltà ġie ssodisfat, jiġifieri ma jkun ġie identifikat l-ebda tħassib dwar l-adegwatezza tar-riżorsi. Ir-riżultati tal-ERAA 2023 juru kif ma hemm l-ebda tħassib dwar l-adegwatezza għas-snin fil-mira 2025, 2028 u 2030. Madankollu, għall-2033 l-istandard ta' affidabbiltà jinqabeż. Fil-qosor, l-ERAA 2023 tidentifika tħassib dwar l-adegwatezza fil-Polonja għas-sena fil-mira 2033 biss.

*Tabella 4*

**Riżultati tal-adegwatezza tal-ERAA 2023, LOLE** ([13])

| Valutazzjoni | 2025 | 2028 | 2030 | 2033 |
|---|---|---|---|---|
| Standard Pollakk ta' affidabbiltà | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 |
| ERAA 2023 | 0,1 | 1,8 | 2,5 | 8,5 |

(46) Fis-7 ta' April 2025, l-ENTSO-E ssottometta l-proposta tiegħu għall-ERAA 2024 lill-ACER ([14]). Wara s-sottomissjoni, l-ACER bdiet ir-rieżami tagħha tal-abbozz tal-ERAA 2024 f'konformità mal-Artikolu 23(7) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(47) Filwaqt li għadha taħt rieżami u soġġetta għall-approvazzjoni jew għall-emenda mill-ACER, l-ERAA 2024 tidentifika tħassib dwar l-adegwatezza għas-snin fil-mira kollha koperti mid-deroga (2025 sa 2028), għalkemm it-tħassib huwa iżgħar minn dak identifikat fl-NRAA, kif muri fit-Table 5 ta' hawn taħt.

*Tabella 5*

**Riżultati tal-adegwatezza tal-ERAA 2024, LOLE**

| Valutazzjoni | 2026 | 2028 | 2030 | 2035 |
|---|---|---|---|---|
| Standard Pollakk ta' affidabbiltà | 3,0 | 3,0 | 3,0 | 3,0 |
| ERAA 2024 | 3,9 | 13,7 | 9,2 | 9,8 |

([12]) Fit-2 ta' Ottubru 2020, l-ACER approvat il-metodoloġija għall-ERAA ("il-metodoloġija tal-ERAA") f'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku. Ara d-Deċiżjoni tal-ACER dwar il-metodoloġija tal-ERAA fuq https://www.acer.europa.eu/sites/default/files/documents/Individual%20Decisions_annex/ACER%20Decision%2024-2020%20on%20ERAA%20-%20Annex%20I_1.pdf.
([13]) Disponibbli fuq https://www.entsoe.eu/eraa/2023/.
([14]) Disponibbli fuq https://www.entsoe.eu/eraa/2024/.

(48) L-NRAA fiha xenarju ta' referenza ċentrali mingħajr kuntratti ġodda tal-mekkaniżmu ta' kapaċità (imsejjaħ ix-"xenarju bażi" fl-NRAA Pollakka) u xenarju b'kuntratti ġodda tal-mekkaniżmu ta' kapaċità (imsejjaħ ix-"xenarju b'mekkaniżmu ta' kapaċità"). Dawn tal-aħħar jinkludu l-kapaċità li għandha tiġi akkwistata skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti, permezz ta' rkantijiet supplimentari u permezz ta' mekkaniżmi oħra, bħal mekkaniżmi ta' kapaċità futuri. L-NRAA timmudella 16-il sena fil-mira (mill-2025 sal-2040). Ix-xenarju bażi huwa x-xenarju rilevanti li juri tħassib dwar l-adegwatezza. Fl-opinjoni tal-ACER dwar l-NRAA (ara l-premessa (51) ta' hawn taħt), dan jitqabbel max-xenarju ta' referenza ċentrali tal-ERAA 2023, peress li jirrappreżenta approċċ korrispondenti u komparabbli max-xenarju ta' referenza ċentrali tal-ERAA 2023, li b'mod simili ma kienx jinkludi kuntratti ġodda tal-mekkaniżmu ta' kapaċità.

(49) Ir-riżultati tal-NRAA Pollakka għal-LOLE u għall-enerġija mbassra mhux ipprovduta ("EENS", Expected Energy Not Served) fix-xenarju bażi huma ppreżentati fit-Table 6.

*Tabella 6*

**Riżultati tal-NRAA**

| Sena | | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | 2033 | 2034 | 2035 | 2036 | 2037 | 2038 | 2039 | 2040 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LOLE | siegħa /sena | 7,6 | 40,8 | 50,2 | 33,3 | 20,5 | 9,6 | 6,6 | 14,3 | 15,0 | 14,4 | 10,9 | 10,8 | 12,5 | 10,4 | 5,8 | 14,2 |
| EENS | GWh/s ena | 5,8 | 40,6 | 54,4 | 52,1 | 31,8 | 13,8 | 9,4 | 22,7 | 24,3 | 23,6 | 18,1 | 23,5 | 25,3 | 23,3 | 13,5 | 33,6 |

*Sors: kompilazzjoni ta' data ta' PSE għat-tħejjija tal-NRAA*

(50) Ir-riżultati tal-NRAA fix-xenarju bażi juru LOLE ogħla mir-riżultati tal-ERAA 2023 għall-4 snin fil-mira kkunsidrati kollha (2025, 2028, 2030 u 2033). B'mod partikolari, l-istandard ta' affidabbiltà jinqabeż fis-snin kollha mmudellati fix-xenarju bażi tal-NRAA.

3.2.3. *L-opinjoni tal-ACER skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku*

(51) Il-Polonja ssottomettiet l-NRAA Pollakka lill-ACER għal opinjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku. Peress li l-ACER approvat ERAA għall-ewwel darba fl-2024 (ara l-premessa (44) ta' hawn fuq), l-Artikolu 24(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku, li jirrikjedi li l-Istati Membri jissottomettu l-NRAAs tagħhom lill-ACER għal opinjoni f'każijiet ta' diverġenzi bejn l-NRAA u l-ERAA, *de facto* ma kienx applikabbli fis-snin preċedenti.

(52) Fit-3 ta' Frar 2025, l-ACER ħarġet opinjoni li tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar l-NRAA Pollakka ([15]). Fl-opinjoni tagħha, l-ACER spjegat li d-differenzi bejn l-NRAA Pollakka u l-ERAA 2023 kienu ġustifikati f'termini tas-suppożizzjonijiet dwar ir-riżorsi tal-kapaċità iżda mhux ġustifikati fir-rigward tas-suppożizzjonijiet dwar l-iskambji transżonali. Fir-rigward tad-differenza fl-immudellar tar-riżorsi tal-kapaċità, l-ACER ma setgħetx tikkonkludi jekk id-differenza kinitx ġustifikata.

(53) Fl-opinjoni tagħha, l-ACER għamlet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(a) fir-rigward tas-suppożizzjonijiet dwar l-iskambji transżonali, jenħtieġ li s-suppożizzjonijiet dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni jittejbu fl-NRAA Pollakka sabiex jirriflettu aħjar il-funzjonament tas-suq tal-elettriku Ewropew interkonness. Pereżempju, jenħtieġ li ż-żoni u r-reġjuni tal-offerti barranin jiġu mmudellati abbażi tas-settijiet ta' data disponibbli fl-ERAA;

(b) fir-rigward tas-suppożizzjonijiet dwar ir-riżorsi tal-kapaċità, jenħtieġ li l-istess kostijiet nazzjonali speċifiċi użati fl-NRAA jintużaw ukoll fl-ERAA;

([15]) ACER Opinion No 01/2025 of 3 February 2025 on the differences between the national resource adequacy assessment of Poland and the 2023 European resource adequacy assessment.

(c) fir-rigward tal-immudellar tar-riżorsi tal-kapaċità, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-vijabbiltà ekonomika ("EVA", Economic Viability Assessment) tiġi aġġornata biex tqis kif xieraq id-dħul u l-kostijiet futuri. L-ACER tirrakkomanda, b'mod partikolari, li tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar l-eżiti ekonomiċi tal-EVA u li tiġi ssostanzjata s-suppożizzjoni li l-ebda rispons tad-domanda jew ħżin addizzjonali ma jidħol fis-sistema Pollakka lil hinn mill-kapaċità kkuntrattata fil-mekkaniżmu ta' kapaċità.

3.2.4. *Rapport skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku*

(54) L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 24(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku jirrikjedi li l-korp responsabbli għall-NRAA jqis kif xieraq l-opinjoni tal-ACER, u, meta jkun neċessarju, jemenda l-valutazzjoni tagħha. Meta jiddeċiedi li ma jqisx b'mod sħiħ l-opinjoni tal-ACER, il-korp li jkun responsabbli għall-NRAA jeħtieġlu jippubblika rapport b'raġunijiet dettaljati.

(55) Fit-22 ta' April 2025, it-TSO Pollakk ippubblika rapport bi tweġiba għall-opinjoni tal-ACER dwar id-differenzi bejn l-NRAA u l-ERAA 2023 ([16]). Fir-rapport tiegħu, it-TSO Pollakk għamel il-punti li ġejjin.

— Dwar id-differenzi fis-suppożizzjonijiet dwar l-iskambji transżonali, l-approċċ simplifikat applikat għall-immudellar reġjonali għandu impatt limitat fuq ir-riżultati tal-NRAA. L-NRAA tapplika approċċ għas-suppożizzjonijiet dwar l-importazzjoni li huwa konsistenti mal-metodoloġija tal-parteċipazzjoni transfruntiera (l-Artikolu 26(11)(a) tar-Regolament dwar l-Elettriku) ([17]). Id-diverġenza fis-suppożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni hija ġġustifikata mill-fatt li l-Polonja hija primarjament żona tal-offerti li timporta, u l-immudellar tal-esportazzjonijiet fl-NRAA sempliċement inaqqas it-tnaqqis fl-RES mingħajr ma jtejjeb il-vijabbiltà ekonomika tal-impjanti eżistenti. Konsegwentement, is-suppożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-NRAA ma jaffettwawx it-taħlita tal-kapaċità jew ibiddlu b'mod sinifikanti r-riskji ta' adegwatezza.

— Id-diverġenza fis-suppożizzjonijiet dwar ir-riżorsi tal-kapaċità hija dovuta għat-twaqqit differenti tal-ġbir tal-input għaż-żewġ studji (l-ewwel nofs tal-2024 għall-NRAA u t-tmiem tal-2022 għall-ERAA 2023).

— Rigward id-differenzi fl-immudellar tar-riżorsi tal-kapaċità, il-kalkoli tal-EVA fl-NRAA jikkostitwixxu approċċ aktar akkurat u rappreżentattiv minn dak użat fl-ERAA. Rigward id-diverġenza fis-suppożizzjonijiet dwar ir-rispons tad-domanda u l-ħżin, it-TSO Pollakk jiddikjara li l-kalkoli tiegħu ma juru l-ebda deċiżjoni ta' investiment għall-ħżin qabel l-2029, u li l-varar tal-ħżin immotivat mis-suq ikun mistenni mill-2036 'il quddiem. Fir-rispons tad-domanda, it-TSO Pollakk jispjega li b'kuntrast mal-ERAA 2023, l-NRAA timmudella r-rispons impliċitu tad-domanda wkoll. Id-diverġenza fix-xejriet tal-manutenzjoni ppjanata tal-impjanti tal-enerġija hija aktar allinjata mal-osservazzjonijiet tal-ħajja reali minn dawk ikkunsidrati fl-ERAA 2023.

3.3. **Rapport li jakkumpanja d-deroga mitluba**

(56) Skont l-Artikolu 64(2d) tar-Regolament dwar l-Elettriku, applikazzjoni għal deroga trid tkun akkumpanjata minn rapport, li jrid jinkludi:

(a) valutazzjoni tal-impatt tad-deroga f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, u fuq it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, iż-żieda fil-flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons tad-domanda;

(b) pjan bi stadji importanti għat-tranżizzjoni lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni msemmija fil-paragrafu 2b fil-mekkaniżmi ta' kapaċità sad-data tal-iskadenza tad-deroga, inkluż pjan għall-akkwist tal-kapaċità ta' sostituzzjoni neċessarja f'konformità mat-trajettorja nazzjonali indikattiva għas-sehem ġenerali ta' enerġija rinnovabbli u valutazzjoni tal-ostakli għall-investiment li jikkawżaw in-nuqqas ta' offerti suffiċjenti fil-proċedura kompetittiva ta' offerti msemmija fil-paragrafu 2c, il-punt (a).

([16]) Disponibbli fuq: https://www.pse.pl/documents/20182/51490/250422_Opinion_response.pdf.
([17]) Disponibbli fuq: https://www.acer.europa.eu/sites/default/files/documents/Individual%20Decisions/ACER%20Decision%2036-2020%0on%20cross-border%20participation_XBP%20CM_0.pdf.

3.3.1. *Impatt fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra*

(57) Il-Polonja tqabbel iż-żewġ xenarji ppreżentati fl-NRAA (ara l-premessa (48) ta' hawn fuq) biex tivvaluta l-impatt fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-introduzzjoni ta' deroga fil-forma ta' rkantijiet supplimentari.

(58) Il-Polonja tispjega li d-differenza ewlenija bejn iż-żewġ xenarji hija li l-volum ta' enerġija mhux ipprovduta huwa ogħla b'mod sinifikanti fix-xenarju bażi milli fix-xenarju b'mekkaniżmu ta' kapaċità. It-Table 7 ta' hawn taħt tqabbel il-valuri tal-enerġija mhux ipprovduta fiż-żewġ xenarji tal-NRAA.

*Tabella 7*

**Valuri tal-enerġija mhux ipprovduta fiż-żewġ xenarji tal-NRAA**

| Sena | | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | 2033 | 2034 | 2035 | 2036 | 2037 | 2038 | 2039 | 2040 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xenarju Bażi | GWh/sena | 5,8 | 40,6 | 54,4 | 52,1 | 31,8 | 13,8 | 9,4 | 22,7 | 24,3 | 23,6 | 18,1 | 23,5 | 25,3 | 23,3 | 13,5 | 33,6 |
| Xenarju b'Mekkaniżmu ta' Kapaċità | GWh/sena | 1,8 | 2,1 | 3,2 | 2,4 | 3,6 | 2,2 | 2,9 | 3,8 | 2,1 | 4,3 | 3,8 | 6,4 | 10,2 | 5,1 | 8,7 | 4,0 |

*Sors: kompilazzjoni ta' data ta' PSE għat-tħejjija tal-NRAA*

(59) Il-Polonja tistma li fit-terminu qasir, l-implimentazzjoni tad-deroga tista' twassal għal żieda żgħira fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ (b'0,2 - 0,3 % tal-emissjonijiet tas-settur tal-enerġija) matul il-perjodu kopert mid-deroga (2025 sa 2028). Il-Polonja tispjega li dan huwa minħabba li fix-xenarju b'mekkaniżmu ta' kapaċità, jinkiseb l-istandard ta' affidabbiltà, li jirriżulta f'anqas enerġija mhux ipprovduta milli fix-xenarju bażi, peress li unitajiet intensivi fl-emissjonijiet ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fi rkantijiet supplimentari biex jilħqu l-istandard ta' affidabbiltà. Il-Polonja ssostni li matul dan il-perjodu, minħabba ż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tagħhom, mhuwiex possibbli li jiġu kkummissjonati kwantitajiet kbar ta' unitajiet termali ġodda b'emissjonijiet aktar baxxi, bħal Turbini tal-Gass b'Ċiklu Miftuħ/Ikkombinat(OCGTs, Open Cycle Gas Turbines/CCGTs, Combined Cycle Gas Turbines), li jnaqqsu dawk l-emissjonijiet addizzjonali.

(60) It-Table 8 tqabbel l-emissjonijiet tas-$CO_2$ abbażi tad-data mis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana fl-emissjonijiet tas-sħana u enerġija kkombinati (CHP, Combined Heat and Power) fiż-żewġ xenarji fl-NRAA.

*Tabella 8*

*Tabella 8*

| Sena | | | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | 2033 | 2034 | 2035 | 2036 | 2037 | 2038 | 2039 | 2040 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | Xenarju Bażi | Mt | 99,3 | 92,6 | 84,2 | 75,9 | 68,7 | 62,2 | 51,7 | 47,3 | 44,3 | 41,4 | 38,9 | 34,8 | 34,1 | 32,3 | 31,9 | 30,4 |
| B | Xenarju b'Mekkaniżmu ta' Kapaċità | Mt | 99,5 | 92,9 | 84,8 | 76,1 | 68,7 | 62,4 | 51,7 | 47,5 | 43,5 | 40,3 | 38,3 | 34,3 | 33,4 | 31,7 | 31,3 | 29,9 |
| C=B-A | Differenza | Mt | 0,2 | 0,3 | 0,5 | 0,1 | 0,0 | 0,2 | 0,0 | 0,1 | -0,9 | -1,1 | -0,6 | -0,5 | -0,7 | -0,7 | -0,7 | -0,5 |

*Sors: kompilazzjoni ta' data ta' PSE għat-tħejjija tal-NRAA*

(61) Il-Polonja tikkonkludi li d-deroga jkollha impatt limitat ħafna fuq l-emissjonijiet fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'unitajiet ta' ġenerazzjoni b'dispaċċ ċentrali, peress li l-volum ta' unitajiet koperti mid-deroga li huma potenzjalment eliġibbli għal kuntratti ta' kapaċità permezz ta' rkantijiet supplimentari jkun limitat għall-minimu neċessarju. Min-naħa l-oħra, kif spjegat fid-dettall fit-Taqsima 3.3.2. ta' hawn taħt, il-Polonja targumenta li d-deroga toħloq kundizzjonijiet tas-suq aktar stabbli għad-deċiżjonijiet ta' investiment dwar ir-rispons tad-domanda, il-ħżin u l-RES, u b'hekk tiffaċilita tnaqqis aktar rapidu tal-emissjonijiet fis-snin ta' wara (u fit-terminu medju). Għal din ir-raġuni, il-Polonja targumenta wkoll li fix-xenarju bażi, il-livelli tal-emissjonijiet huma ogħla fis-snin mill-2033 sal-2040, minħabba kundizzjonijiet tas-suq anqas favorevoli għal investimenti ġodda.

### 3.3.2. *Impatt fuq it-tranżizzjoni tal-enerġija*

(62) Il-Polonja tuża ż-żewġ xenarji ppreżentati fl-NRAA (ara l-premessa (48) ta' hawn fuq) bħala bażi għall-valutazzjoni tal-impatt tad-deroga fuq l-objettivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija wkoll, jiġifieri fuq it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, iż-żieda fil-flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons tad-domanda.

(63) Din l-analiżi komparattiva turi li d-deroga tista' temporanjament iżżomm volum kemxejn ogħla ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni b'emissjonijiet ogħla. Madankollu, skont il-Polonja, fit-terminu medju - fis-snin 2030 - l-eliminazzjoni gradwali tal-unitajiet b'emissjonijiet għoljin taċċellera fix-xenarju b'mekkaniżmu ta' kapaċità meta mqabbel max-xenarju bażi.

(64) Skont il-Polonja, l-implimentazzjoni tad-deroga timminimizza r-riskju li l-istandard ta' affidabbiltà ma jintlaħaqx u tnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet. Dan joħloq kundizzjonijiet tas-suq aktar stabbli u prevedibbli, li jrawmu investimenti f'kapaċità flessibbli, bħal fil-ħżin u f'unitajiet ġodda konsenjabbli, fil-kapaċità rinnovabbli u fl-elettromobbiltà, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu biex l-unitajiet tal-faħam ma jibqgħux neċessarji biex jinżamm l-istandard ta' affidabbiltà. Il-Polonja ssostni wkoll li, fin-nuqqas tad-deroga, unitajiet eżistenti konsenjabbli u flessibbli (jiġifieri unitajiet ta' rispons tad-domanda u ta' ħżin tal-enerġija) ikunu meħtieġa joperaw ta' spiss ħafna u jistgħu ma jkunux kapaċi jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-regoli eżistenti tal-mekkaniżmi ta' kapaċità f'sistema ferm inadegwata, bir-riskju li jiffaċċjaw penali. Dan jiskoraġġixxi l-investimenti f'teknoloġiji nodfa flessibbli u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tal-kapaċità.

(65) L-Figure1 u t-Table 9 ta' hawn taħt juru liema teknoloġiji se jiġu varati mill-unitajiet magħżula skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti permezz ta' rkantijiet primarji għal perjodu ta' konsenja sal-2029.

*Illustrazzjoni1*



*Tabella 9*

| | Faħam | Gass | RES | Rispons tad-Domanda | Ħżin | Transfruntiera | Oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2025Q1 | 16,37 | 3,91 | 0,18 | 1,45 | 1,53 | 0,00 | 0,05 |
| 2025Q2 | 15,70 | 3,83 | 0,18 | 1,36 | 0,36 | 0,00 | 0,05 |
| 2025Q3 | 15,65 | 3,82 | 0,16 | 1,18 | 0,28 | 0,00 | 0,05 |
| 2025Q4 | 15,65 | 3,83 | 0,18 | 1,32 | 0,43 | 0,00 | 0,05 |
| 2026Q1 | 8,19 | 5,50 | 1,26 | 1,51 | 1,11 | 0,35 | 0,05 |
| 2026Q2 | 8,19 | 5,50 | 1,26 | 1,51 | 1,11 | 0,35 | 0,05 |
| 2026Q3 | 8,19 | 5,50 | 1,26 | 1,51 | 1,11 | 0,35 | 0,05 |
| 2026Q4 | 8,19 | 5,50 | 1,26 | 1,51 | 1,11 | 0,35 | 0,05 |
| 2027Q1 | 8,07 | 4,27 | 0,21 | 1,54 | 0,74 | 0,55 | 1,19 |
| 2027Q2 | 8,07 | 4,27 | 0,21 | 1,54 | 0,74 | 0,55 | 1,19 |
| 2027Q3 | 8,07 | 4,27 | 0,21 | 1,54 | 0,74 | 0,55 | 1,19 |
| 2027Q4 | 8,07 | 4,27 | 0,21 | 1,54 | 0,74 | 0,55 | 1,19 |
| 2028Q1 | 7,88 | 6,48 | 0,42 | 0,98 | 3,12 | 1,08 | 1,18 |
| 2028Q2 | 7,88 | 6,48 | 0,42 | 0,98 | 3,12 | 1,08 | 1,18 |
| 2028Q3 | 7,88 | 6,48 | 0,42 | 0,98 | 3,12 | 1,08 | 1,18 |
| 2028Q4 | 7,88 | 6,48 | 0,42 | 0,98 | 3,12 | 1,08 | 1,18 |
| 2029Q1 | 4,05 | 6,60 | 0,57 | 1,11 | 5,87 | 1,58 | 0,58 |

*Sors:* *il-Ministeru għall-Klima u għall-Ambjent, il-Polonja*

(66) L-NRAA tinkludi suppożizzjonijiet għall-2025-2040 rigward l-iżvilupp ta’ RES, soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija, sorsi tal-enerġija konsenjabbli li jużaw fjuwils b’emissjonijiet baxxi jew żero, faċilitajiet ta’ rispons tad-domanda, l-elettromobbiltà u setturi oħra. Il-varar previst tagħhom jiżdied b’mod konsiderevoli maż-żmien fix-xenarju b’mekkaniżmu ta’ kapaċità kif muri fl-Figure 2 ta’ hawn taħt, filwaqt li s-sehem tal-faħam jonqos b’mod sinifikanti wara l-iskadenza tad-deroga (minn 40 % fl-2025 għal 20 % fl-2029). Fis-snin ta’ wara, is-sehem tal-ġenerazzjoni mħaddma bil-faħam fis-suq ikompli jonqos. Dan huwa dovut ukoll għall-iskadenza ta’ kuntratti fit-tul aġġudikati lil installazzjonijiet imħaddma bil-faħam skont il-mekkaniżmu ta’ kapaċità qabel il-31 ta’ Diċembru 2019 (ara l-premessa (7) ta’ hawn fuq).

*Illustrazzjoni 2*

**Sehem tat-teknoloġiji fil-ġenerazzjoni tal-elettriku fix-xenarju b’mekkaniżmu ta’ kapaċità** ([18])




([18]) Il-kapaċitajiet tal-faħam fit-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku wara l-iskadenza tad-deroga huma kapaċitajiet eżistenti li ġew ikkuntrattati permezz ta’ ftehimiet pluriennali qabel il-31 ta’ Diċembru 2019 skont il-mekkaniżmu ta’ kapaċità eżistenti.

### 3.3.3. *Valutazzjoni tal-ostakli għall-investiment*

(67) F'Mejju u f'Ġunju 2024, il-Ministeru Pollakk għall-Klima u għall-Ambjent wettaq stħarriġ fost il-parteċipanti fis-suq tal-elettriku ([19]) biex jieħu rendikont tal-opinjonijiet tagħhom dwar il-grad ta' żvilupp tas-suq tal-elettriku u l-funzjonament tas-suq tal-kapaċità.

(68) Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, il-Ministeru identifika, fost l-oħrajn, l-ostakli u l-oqsma li ġejjin għall-kunsiderazzjoni tal-bidla regolatorja:

— bidliet lejn flessibbiltà akbar fis-sistema tal-elettriku, inkluż il-promozzjoni ta' servizzi ta' flessibbiltà, ta' kuntratti tal-ipprezzar dinamiku u ta' servizzi ta' sistemi ta' bbilanċjar u ta' integrazzjoni aħjar tal-RES;

— fil-kuntest tat-tħaddim tas-suq bl-ingrossa, nuqqas ta' miżuri biex jiġi żgurat marġni xieraq fil-prezz tal-elettriku u biex il-klijenti finali jiġu protetti kontra prezzijiet għoljin tal-enerġija.

(69) Skont il-parteċipanti, il-proċess ta' approvazzjoni amministrattiva għall-investimenti fl-infrastruttura tal-grilja huwa twil u kumpless. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika joħloq ostakli bla bżonn għall-investimenti fl-infrastruttura. Il-kapital estern, inkluż il-finanzjament b'dejn, huwa meħtieġ biex jippermetti lill-investituri jiddeċiedu li jibdew l-investimenti peress li l-kostijiet tal-proġetti fis-settur tal-enerġija għadhom qed jiżdiedu.

(70) Fl-2024, l-NRA Pollakka wettqet stħarriġ biex tiġbor opinjonijiet mill-parteċipanti fis-suq tal-enerġija u tiġbor proposti għal bidliet potenzjali fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti tal-Polonja. Ir-riżultati tal-istħarriġ identifikaw diversi fatturi li setgħu affettwaw ir-riżultati tal-irkantijiet tas-suq tal-kapaċità għall-perjodi ta' konsenja li jibdew wara l-1 ta' Lulju 2025. Dawn huma:

— kapaċità limitata biex jiġi żgurat finanzjament mis-swieq finanzjarji għall-modernizzazzjoni tal-unitajiet ta' ġenerazzjoni eżistenti u l-iżvilupp ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni ġodda li jużaw fjuwils fossili;

— l-impatt sinifikanti tal-iżviluppi globali, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-kundizzjonijiet ġeopolitiċi (interruzzjonijiet fil-provvista ta' prodotti semilesti, ta' materjali u ta' materja prima minn reġjuni affettwati mill-gwerra jew mit-theddid terroristiku) u sfidi makroekonomiċi (kriżi li qed tapprofondixxi gradwalment u żidiet f'daqqa fl-inflazzjoni), li affettwaw b'mod negattiv il-kost tal-ġenerazzjoni ta' kapital;

— il-proċeduri amministrattivi kumplessi u twal relatati mal-kisba ta' deċiżjonijiet dwar il-post u l-ambjent u l-permessi tal-bini.

(71) Fil-fehma tal-Polonja, ir-regoli tas-suq attwali u l-qafas li jirregola l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti ma jfixklux l-iżvilupp tal-ħżin u tar-rispons tad-domanda fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti. Il-fattur primarju li jinfluwenza l-iżvilupp ta' dawn il-kapaċitajiet huwa, fil-fehma tal-Polonja, il-vijabbiltà ekonomika tal-unitajiet tagħhom. Id-dħul attwali u previst mis-suq tal-enerġija u mis-servizzi anċillari jidher li mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-kostijiet u biex jiggarantixxi marġni ta' profitt sodisfaċenti.

### 3.3.4. *Pjan ta' tranżizzjoni lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-kapaċità li tarmi aktar mil-limitu tal-emissjonijiet fil-mekkaniżmi ta' kapaċità*

(72) Kif meħtieġ mill-Artikolu 64(2 d) tar-Regolament dwar l-Elettriku, l-applikazzjoni hija akkumpanjata minn pjan bi stadji importanti għat-tranżizzjoni lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-faħam fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti sad-data tal-iskadenza tad-deroga mitluba, inkluż pjan biex tinkiseb il-kapaċità ta' sostituzzjoni neċessarja. F'dawn id-dokumenti, il-Polonja tressaq ukoll miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji u ta' investiment identifikati fil-premessi (67) sa (71).

([19]) Il-Polonja tinnota li l-istħarriġ kien miftuħ għall-parteċipanti kollha fis-suq. Aktar minn 120 entità ħadu sehem, li jirrappreżentaw il-ġeneraturi tal-elettriku, il-fornituri, l-operaturi, l-aggregaturi, il-konsumaturi tal-elettriku (inklużi dawk industrijali), u oħrajn.

(73) Għar-raġunijiet deskritti fil-premessi (59) u (64) ta' hawn fuq, il-Polonja ssostni li d-deroga tista' temporanjament tirriżulta fi tranżizzjoni kemxejn aktar bil-mod lil hinn mill-unitajiet tal-faħam fis-suq tal-kapaċità fit-terminu qasir, iżda toħloq kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-investimenti fil-kapaċità ta' sostituzzjoni fit-terminu medju. Barra minn hekk, jekk tingħata d-deroga mitluba, l-unitajiet ta' ġenerazzjoni mħaddma bil-faħam ma jibqgħux ikunu jistgħu jikkompetu ma' unitajiet b'emissjonijiet baxxi fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti wara l-31 ta' Diċembru 2028, meta tiskadi d-deroga mitluba. Konsegwentement, il-volum potenzjali ta' unitajiet tal-faħam li jkunu ekonomikament vijabbli fis-suq tal-enerġija huwa mistenni li jkun limitat ħafna, minħabba n-nuqqas ta' inċentivi finanzjarji, kostijiet operatorji u ta' manutenzjoni għoljin, numru baxx ta' sigħat ta' tħaddim u dħul baxx korrispondenti, u t-tmiem tal-ħajja teknika tagħhom ([20]).

(74) Il-Polonja ma tistenna l-ebda investiment kbir ibbażat fuq is-suq bejn l-2025 u l-2028, minbarra dawk l-investimenti li jirċievu appoġġ pubbliku kif imsemmi fil-premessi (77) sa (81), peress li unitajiet ġodda ma jistgħux jiġu kkummissjonati fil-ħin biex ikunu operazzjonali f'dan il-perjodu. Dan huwa prinċipalment minħabba ż-żminijiet meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħhom u l-fatt li għadhom ma kisbux ftehimiet ta' konnessjoni u permessi ambjentali.

(75) L-NRAA tipprovdi stimi tal-kapaċità ta' sostituzzjoni li jkollha tiġi installata sabiex tissostitwixxi l-ġenerazzjoni bbażata fuq il-faħam fis-sistema ([21]), inkluża t-trajettorja nazzjonali indikattiva għas-sehem globali tal-enerġija rinnovabbli. L-*Figure 3* ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-pjan tal-Polonja bi stadji importanti lejn it-tranżizzjoni lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-faħam fil-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti sad-data tal-iskadenza tad-deroga mitluba.

*Illustrazzjoni 3*

**Kapaċità installata tat-teknoloġiji għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fix-xenarju b'mekkaniżmu ta' kapaċità. Il-valuri kollha huma f'GW.**




*Sors: l-NRAA*

(76) Sabiex jintlaħqu l-istadji importanti, il-Polonja se tapplika l-pjan ta' implimentazzjoni (ara l-premessa (82)) u twettaq riformi regolatorji addizzjonali (ara l-premessi (83) sa (85)). Barra minn hekk, il-Polonja tistenna li takkwista l-kapaċità ta ' sostituzzjoni neċessarja permezz tal-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti (ara l-premessi (77) sa (80)) u skemi oħra ta' sostenn (ara l-premessa (81)). Xi wħud mill-istadji importanti biex tinkiseb il-kapaċità ta' sostituzzjoni neċessarja diġà ġew issodisfati: il-kapaċitajiet ġodda konsenjabbli se jkunu operazzjonali sa meta tiskadi d-deroga, kif muri mir-riżultati tal-irkantijiet primarji għall-perjodi ta' konsenja mill-2026 sal-2029 (ara l-premessi (77), (78) u (80)).

([20]) Fl-Illustrazzjonijiet 2 u 3 ta' din id-Deċiżjoni, il-kapaċitajiet tal-faħam jidhru li għandhom tnaqqis limitat fil-perjodu tal-2028-2030 meta mqabbla mas-snin preċedenti. Dan għaliex il-kapaċitajiet tal-faħam fit-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku wara l-iskadenza tad-deroga huma kapaċitajiet eżistenti li ġew ikkuntrattati permezz ta' ftehimiet pluriennali qabel il-31 ta' Diċembru 2019 skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti.

([21]) L-NRAA tassumi li dawn il-kapaċitajiet se jinkisbu permezz ta' skemi ta' sostenn ġodda, eżistenti jew ippjanati u permezz ta' proġetti bbażati fuq is-suq.

(77) Għall-2026-2028, l-NRAA turi żieda ta' madwar 3 GW fil-kapaċità tal-gass u ta' madwar 2 GW f'unitajiet ġodda għall-ħżin tal-batteriji. Skont l-irkantijiet primarji konklużi għas-snin ta' konsenja 2026 u 2027 ġew akkwistati aktar minn 3,1 GW ta' unitajiet ġodda mħaddma bil-gass. Ġew akkwistati aktar minn 1,7 GW ta' kapaċità ġdida għall-ħżin tal-batteriji għas-sena ta' konsenja 2028. Ir-riżultati tal-irkant ewlieni għas-sena ta' konsenja 2029, imwettaq wara li ġiet ippubblikata l-NRAA, jindikaw li l-ammont totali tal-kapaċità ta' ħżin laħaq sa 6 GW fl-2029, li jaqbeż il-projezzjonijiet tal-NRAA.

(78) L-Figure 4 ta' hawn taħt turi l-volumi tal-obbligi ta' kapaċità ([22]) ta' kapaċità ġdida tal-gass u ta' ħżin diġà akkwistati skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti sal-2029.

*Illustrazzjoni 4*

**Obbligi ta' kapaċità ġdida kkuntrattati permezz ta' rkantijiet diġà konklużi**




*Sors: il-Ministeru għall-Klima u għall-Ambjent, il-Polonja*

(79) Il-kapaċità installata tal-RES hija mistennija tiżdied bi kważi 10 GW sal-2028 u bi 8 GW addizzjonali sal-2030. Barra minn hekk, bejn l-2031 u l-2040, huma mistennija aktar minn 12,5 GW f'unitajiet imħaddma bil-gass, 12,5 GW fi ħżin tal-batteriji, kważi 35 GW f'RES u 3,3 GW f'impjanti tal-enerġija nukleari (f'xenarju b'mekkaniżmu ta' kapaċità). Il-Polonja tindika li l-valuri pprovduti fl-NRAA huma allinjati mal-iskemi eżistenti u ppjanati għall-RES u li s-sehem tal-RES fil-komponent tal-elettriku tat-trajettorja nazzjonali indikattiva għas-sehem ġenerali tal-enerġija rinnovabbli se jintlaħaq.

(80) L-NRAA tassumi wkoll l-espansjoni tar-rispons tad-domanda. Il-kapaċità ta' rispons espliċitu tad-domanda akkwistata skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti se tilħaq l-1 600 MW sal-2029 u tibqa' stabbli f'dan il-livell minn hemm 'il quddiem. Minbarra r-rispons espliċitu tad-domanda, ir-rispons impliċitu tad-domanda se jiżdied gradwalment matul is-snin sussegwenti tal-valutazzjoni. Dan ir-rispons impliċitu tad-domanda jinkludi flessibbiltà mill-produzzjoni tal-idroġenu, mis-sistemi tal-enerġija għas-sħana u mill-vetturi elettriċi. Sal-2030, ir-rispons impliċitu tad-domanda se jippermetti t-trasferiment ta' madwar 500 MW, li jiżdied għal madwar 3 000 MW sal-2033 u jkompli jikber minn hemm 'il quddiem. Flimkien, dawn il-mekkaniżmi se jippermettu li tiġi ttrasferita sa 20 % tad-domanda domestika mill-ħinijiet l-aktar intensivi għall-perjodi bi prezzijiet aktar baxxi.

(81) Minbarra l-miżuri deskritti fil-premessa (76) ta' hawn fuq, il-Polonja qed tippjana li tkompli tappoġġa l-varar ta' installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi. L-iskemi ta' sostenn ewlenin huma dawn li ġejjin:

— skema għall-kostruzzjoni u għat-tħaddim ta' impjant tal-enerġija nukleari ġdid b'kapaċità sa 3 750 MW, li huwa skedat sabiex jibda jopera fit-tieni nofs tad-deċennju tal-2030 ([23]);

([22]) L-obbligu ta' kapaċità huwa anqas mill-kapaċità installata tal-unitajiet, li huma l-unitajiet mistennija li jidhru fis-suq kull sena.
([23]) L-Għajnuna mill-Istat SA.109707 (2024/C) (ex 2024/N) – Miżuri ta' għajnuna għall-ewwel impjant tal-enerġija nukleari fil-Polonja.

— skema li tappoġġa l-varar ta' kapaċità installata totali ta' 5 100 MW ta' unitajiet ġodda ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja sal-2028, li se tippermetti li l-bojlers tat-tisħin distrettwali bbażati fuq il-faħam jiġu ssostitwiti b'unitajiet ta' koġenerazzjoni li prinċipalment jużaw il-gass naturali ([24]);

— skemi rinnovabbli li jappoġġaw, fost affarijiet oħra, l-installazzjoni ta' 3 000 MW f'kapaċità eolika fuq l-art, 9 000 MW f'enerġija solari (PV), 180 MW f'idroenerġija, 300 MW f'bijogass agrikolu, 660 MW f'installazzjonijiet tal-bijomassa u tal-bijogass (bejn l-2022 u l-2027) ([25]), u sa 10,9 GW f'enerġija eolika lil hinn mill-kosta (bejn l-2025 u l-2028) ([26]);

— madwar 3 100 GW f'bijometan fis-sena, li se jinvolvi l-kostruzzjoni ta' madwar 50 installazzjoni għal impjant ta' daqs medju ta' 2,8 MW ta' enerġija kkonvertita f'ekwivalenti ta' elettriku ([27]).

(82) Fir-rigward tal-miżuri regolatorji, il-Polonja se tkompli timplimenta l-pjan ta' implimentazzjoni tagħha, li fih riformi fis-suq tal-elettriku f'ħames oqsma: is-suq tal-ibbilanċjar, ir-rispons tad-domanda, is-suq bl-imnut, l-espansjoni tal-grilja u l-interkonnessjonijiet transfruntiera, u r-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni. Mindu adottat il-pjan ta' implimentazzjoni, il-Polonja bdiet timplimenta r-riformi tas-suq fuq bażi kontinwa u ppubblikat il-progress dwar l-implimentazzjoni tagħhom f'erba' rapporti ta' monitoraġġ. Pereżempju, xi proġetti ta' investiment għadhom għaddejjin (eż. it-tieni binarju tal-linja Mikułowa-Świebodzice (400 kV)), u għaddej il-varar ta' miters intelliġenti sabiex tintlaħaq il-mira stabbilita fil-pjan li jintlaħqu 80 % tal-utenti finali sal-2028.

(83) Minbarra r-riformi rrapportati fil-pjan ta' implimentazzjoni, l-awtoritajiet Pollakki jipproponu riformi regolatorji fis-settur tal-RES u bidliet fil-qafas regolatorju għall-konnessjonijiet tal-grilja elettrika sabiex jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji u ta' investiment identifikati fit-Taqsima 3.3.3.

(84) Fir-rigward tas-settur tal-RES, il-miżuri ewlenin ippjanati għandhom l-għan li jżidu l-attraenza tal-fatturazzjoni netta għall-prosumaturi; iħaffu l-proċess għall-ħruġ tal-permessi; ineħħu r-regola 10H (li tiddikjara li d-distanza minima ta' park eoliku minn bini residenzjali trid tkun 10 darbiet l-għoli ta' turbina eolika); jippromwovu l-konnessjoni ta' mikroinstallazzjonijiet mal-ħżin tal-elettriku mal-grilja ta' distribuzzjoni; u jaċċelleraw u jirrazzjonalizzaw l-implimentazzjoni tal-investimenti f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta. Il-Polonja tistenna li timplimenta dawn il-miżuri fl-2025.

(85) Fir-rigward tal-konnessjonijiet tal-grilja elettrika, il-Polonja qed tippjana li ttejjeb l-ippjanar għall-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u żżid in-numru ta' faċilitajiet li jistgħu jiġu konnessi, permezz tal-introduzzjoni ta' proċeduri razzjonalizzati. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' pjattaformi ċentralizzati online b'informazzjoni aġġornata regolarment dwar it-talbiet sottomessi u l-istatus tat-trattament tagħhom jew dwar il-kapaċitajiet disponibbli għall-konnessjoni u għall-inkorporazzjoni ta' obbligu li jintlaħqu l-istadji importanti fi ftehimiet ta' konnessjoni. Il-Polonja tistenna li timplimenta dawn il-miżuri fl-2025.

(86) Barra minn hekk, kif muri wkoll fil-pjan bi stadji importanti (ara l-Figure 3 fil-premessa (75)), wara l-iskadenza tad-deroga, il-Polonja se tkompli tiżgura li l-kapaċità ta' ġenerazzjoni bbażata fuq il-faħam tiġi ssostitwita gradwalment b'kapaċità b'emissjonijiet aktar baxxi. Din il-kapaċità se tiġi akkwistata, jew tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata, permezz tal-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti u skemi oħra ta' sostenn u se tiġi integrata fis-sistema skont it-termini tas-suq. Fl-istess ħin, il-Polonja se tkompli timplimenta r-riformi spjegati f'dettall fil-pjan ta' implimentazzjoni tagħha ([28]) u l-miżuri regolatorji l-oħra msemmija fil-premessa (83) sabiex toħloq kundizzjonijiet tas-suq favorevoli kemm għall-investimenti pubbliċi kif ukoll għal dawk privati.

([24]) L-Għajnuna mill-Istat SA.51192 (2019/N) – Il-Polonja – Appoġġ għas-CHP u għajnuna mill-Istat; SA.52530 (2019/N) – Il-Polonja – Tnaqqis mill-imposti tas-CHP għall-Utenti Intensivi fl-Enerġija.
([25]) L-Għajnuna mill-Istat SA.64713 (2021/N) – Il-Polonja – Estensjoni tal-iskema ta' sostenn għall-RES.
([26]) L-Għajnuna mill-Istat SA.55940 (2021/N) - Skema tal-Polonja għall-Enerġija Eolika lil Hinn mill-Kosta.
([27]) Is-soluzzjonijiet proposti se jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat mill-Kummissjoni.
([28]) Disponibbli fuq https://circabc.europa.eu/ui/group/8f5f9424-a7ef-4dbf-b914-1af1d12ff5d2/library/6184db18-c5ad-4c82-a2d3-1d2564e1a7a7/details.

## 4. KUMMENTI LI WASLU WAQT IL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

(87) Kif iddikjarat fil-premessa (3), il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika dwar l-applikazzjoni mill-14 ta' Frar 2025 sas-17 ta' Marzu 2025. Ġie sottomess kumment wieħed.

(88) Ir-rispondent jinnota li l-parteċipazzjoni ta' riżorsi barranin fl-irkantijiet skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti hija ddeterminata mill-NRAA. Filwaqt li jikkwota l-opinjoni tal-ACER imsemmija fit-Taqsima 3.2.3 ta' din id-Deċiżjoni, ir-rispondent isostni li l-NRAA tissottovaluta l-kontribut tar-riżorsi barranin meħtieġa biex tiġi ssodisfata d-domanda Pollakka. Dan iwassal biex fl-irkantijiet jitħallew jipparteċipaw volumi limitati ta' kapaċità barranija.

(89) B'mod partikolari, ir-rispondent isostni li l-Polonja tapplika formula biex tiddetermina l-volum tal-irkantijiet supplimentari (ara l-premessa (35) ta' hawn fuq) li tista' tirriżulta fil-prevenzjoni tal-parteċipazzjoni ta' riżorsi barranin fl-irkantijiet.

(90) Bi tweġiba għal dawn l-allegazzjonijiet, il-Polonja tosserva li l-unitajiet li jinsabu fiż-żona tal-profil sinkroniku kienu eliġibbli biex jipparteċipaw fl-irkant ewlieni mis-sena ta' konsenja 2027 'il quddiem u fl-irkantijiet addizzjonali għas-sena ta' konsenja 2025 'il quddiem. L-unitajiet barranin huma eliġibbli għal kuntratti ta' sena.

(91) Fir-rigward tal-irkantijiet supplimentari, il-Polonja tikkonferma li l-ammont ta' kapaċità barranija li tista' tipparteċipa jiġi ddeterminat f'konformità mal-parametri speċifikati fil-premessi (10) u (35) ta' hawn fuq.

(92) Il-Polonja tiċċara li dawn il-parametri jirriflettu l-fini tal-irkantijiet supplimentari, jiġifieri li tiġi akkwistata l-kapaċità nieqsa, minflok tiġi kkuntrattata l-istess kapaċità li diġà tkun inkisbet fi rkantijiet preċedenti għall-istess perjodu ta' konsenja għat-tieni darba. Inkella, il-valur tal-kapaċità massima ta' dħul jinqabeż, u l-volum offrut għall-parteċipazzjoni transfruntiera jkun akbar minn dak li jista' jikkontribwixxi għall-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku Pollakka.

(93) Fl-aħħar nett, il-Polonja tinnota li, għall-irkant supplimentari li sar għat-tieni nofs tal-2025, il-kapaċità kollha kienet disponibbli għall-parteċipazzjoni barranija, jiġifieri 1 169 MW għall-profil sinkroniku, 365 MW għal-Litwanja u 593 MW għall-Iżvezja.

## 5. VALUTAZZJONI TAD-DEROGA MITLUBA

### 5.1. Bażi legali

(94) F'konformità mal-Artikolu 64, il-paragrafi (2b), (2c) u (2d), tar-Regolament dwar l-Elettriku, tista' tingħata deroga mill-Artikolu 22(4), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

### 5.2. Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku

(95) F'konformità mal-Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku, "l-Istati Membri jistgħu jitolbu biex kapaċità ta' ġenerazzjoni li bdiet il-produzzjoni kummerċjali qabel l-4 ta' Lulju 2019 u li tarmi aktar minn 550 g ta' $CO_2$ li joriġina mill-fjuwils fossili għal kull kWh ta' elettriku u aktar minn 350 kg $CO_2$ li joriġina mill-fjuwils fossili bħala medja fis-sena għal kull kWe installat, tkun soġġetta għal konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, tkun eċċezzjonalment impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri wara l-1 ta' Lulju 2025 taħt mekkaniżmu ta' kapaċità approvat mill-Kummissjoni qabel l-4 ta' Lulju 2019."

(96) Id-deroga mitluba tapplika għal impjanti eżistenti li jaqbżu l-limitu tal-emissjonijiet. Tali impjanti jkunu eċċezzjonalment impenjati jew jirċievu pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri wara l-1 ta' Lulju 2025 (ara l-premessa (27)), skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti, li ġie approvat mill-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fi Frar 2018 (ara l-premessa (5)).

(97) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE.

(98) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku huma ssodisfati.

## 5.3. **Artikolu 64(2c) tar-Regolament dwar l-Elettriku**

(99) Skont l-Artikolu 64(2c) tar-Regolament dwar l-Elettriku, "[i]l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tat-talba msemmija fil-paragrafu 2b f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Kummissjoni tista' tagħti d-deroga wara li tivvaluta r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2d, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun wettaq, fl-4 ta' Lulju 2019 jew wara, proċess kompetittiv ta' offerti skont l-Artikolu 22 u għal perjodu ta' konsenja wara l-1 ta' Lulju 2025, li għandu l-għan li jimmassimizza l-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-kapaċità li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-Artikolu 22(4);

(b) l-ammont ta' kapaċità offrut fil-proċess kompetittiv ta' offerti msemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma jkunx biżżejjed biex jindirizza t-tħassib dwar l-adegwatezza kif identifikat skont l-Artikolu 20(1) għall-perjodu ta' konsenja kopert minn dak il-proċess ta' offerti;

(c) il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li tarmi aktar minn 550 g ta' $CO_2$ li joriġina mill-fjuwils fossili għal kull kWh ta' elettriku tkun impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri għal perjodu li ma jaqbiżx sena, u għal perjodu ta' konsenja li ma jaqbiżx it-tul tad-deroga, u tkun akkwistata permezz ta' proċess ta' akkwist addizzjonali li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha fl-Artikolu 22, għajr dawk stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punt (b) ta' dak l-Artikolu u esklużivament għall-ammont ta' kapaċità li huwa meħtieġ biex jissolva t-tħassib dwar l-adegwatezza msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu.

Id-deroga skont dan il-paragrafu tista' tiġi applikata sal-31 ta' Diċembru 2028, dment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih għat-tul kollu tad-deroga."

### 5.3.1. *Artikolu 64(2c), il-punt (a): Proċessi tal-irkantijiet primarji (irkantijiet ewlenin u addizzjonali)*

(100) Il-Polonja wettqet irkantijiet primarji wara l-31 ta' Diċembru 2019 għal perjodu ta' konsenja wara l-1 ta' Lulju 2025 (ara l-premessi (22) u (26)).

*Parteċipazzjoni massimizzata tal-fornituri tal-kapaċità li jissodisfaw il-limiti tal-emissjonijiet fl-irkantijiet primarji*

(101) Dawn l-irkantijiet primarji kienu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' ġeneraturi u ta' operaturi tar-rispons tad-domanda u tal-ħżin eżistenti u ġodda li jinsabu fil-Polonja u fl-Istati Membri ġirien (ara l-premessa (10)) u, wara l-31 ta' Diċembru 2019, impedew il-parteċipazzjoni ta' impjanti eżistenti li ma ssodisfawx il-limitu tal-emissjonijiet (ara l-premessa (8)).

(102) L-unitajiet ta' kapaċità li ssodisfaw il-limitu tal-emissjonijiet ma kinux jikkompetu kontra unitajiet li ma ssodisfawx il-limitu tal-emissjonijiet fil-proċessi tal-irkantijiet primarji. Barra minn hekk, l-unitajiet ta' kapaċità li ssodisfaw il-limitu tal-emissjonijiet setgħu jiżguraw kuntratti aktar fit-tul meta mqabbla mal-unitajiet li pparteċipaw fi rkantijiet addizzjonali jew supplimentari, fejn id-durata massima tkun ta' sena.

(103) Il-bonus ekoloġiku msemmi fil-premessa (17) joħloq inċentiv addizzjonali għall-kapaċità b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-parteċipazzjoni fl-irkantijiet primarji. F'sitwazzjonijiet ta' għażla bejn offerti ndaqs, il-fornituri tal-kapaċità b'fatturi ta' emissjoni aktar baxxi jgħaddu qabel dawk b'fatturi ta' emissjoni ogħla, u dawk b'kapaċità li tarmi anqas minn 450 $gCO_2/MWh$ jistgħu jiżguraw kuntratti saħansitra itwal minn dawk aġġudikati lil fornituri tal-kapaċità oħra.

(104) L-irkantijiet primarji li diġà seħħew għas-snin ta' konsenja 2025 sa 2029 irriżultaw f'żieda tanġibbli fil-kapaċità kkuntrattata li tissodisfa l-limitu tal-emissjonijiet (eż. il-ħżin tal-batteriji u l-unitajiet imħaddma bil-gass) (ara l-premessa (78)).

(105) Fl-aħħar nett, l-unitajiet ta' kapaċità li jissodisfaw il-limitu tal-emissjonijiet ikunu eliġibbli sabiex jipparteċipaw fi rkantijiet supplimentari wkoll (ara l-premessa (32) ta' hawn fuq). Dawn l-irkantijiet jitwettqu biss jekk l-irkantijiet primarji ma jkunx irnexxielhom jakkwistaw l-ammont ta' kapaċità neċessarju biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza (ara l-premessa (27)).

(106) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-Polonja, wara l-31 ta' Diċembru 2019, wettqet diversi proċessi kompetittivi ta' offerti għal perjodu ta' konsenja wara l-1 ta' Lulju 2025 li għandhom l-għan li jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-kapaċità li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 22(4) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

*Konformità tal-irkantijiet primarji mal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Elettriku*

(107) Il-Kummissjoni approvat it-tfassil tal-mekkaniżmu ta' kapaċità Pollakk fid-deċiżjoni tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat tas-7 ta' Frar 2018. Il-premessi (108) sa (120) ta' hawn taħt jivvalutaw jekk l-irkant primarju jikkonformax mal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(108) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku jistabbilixxi karatteristiċi speċifiċi tat-tfassil li kwalunkwe mekkaniżmu ta' kapaċità jrid jissodisfa ([29]), filwaqt li l-Artikolu 22(3) jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-mekkaniżmi ta' kapaċità għajr ir-riżervi strateġiċi, bħall-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti.

(109) L-Artikolu 22(1), il-punti (g) u (h), rispettivament tar-Regolament dwar l-Elettriku, jipprevedu li l-kundizzjonijiet tekniċi għall-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-kapaċità jridu jiġu stabbiliti qabel il-proċess ta' selezzjoni u li l-mekkaniżmu ta' kapaċità jrid ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni tar-riżorsi kollha li jkunu kapaċi jipprovdu l-prestazzjoni teknika meħtieġa, inklużi l-ħżin tal-enerġija u l-ġestjoni tad-domanda. Ir-rekwiżiti ta' prekwalifikazzjoni għal proċessi kompetittivi ta' offerti mwettqa wara l-31 ta' Diċembru 2019 ġew stabbiliti qabel il-proċess ta' selezzjoni (ara l-premessa (11)), u l-proċessi kienu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' ġeneraturi u ta' operaturi tar-rispons tad-domanda u tal-ħżin eżistenti u ġodda li jinsabu fil-Polonja u għall-kapaċità barranija (ara l-premessa (10)). Barra minn hekk, ir-regoli ta' eliġibbiltà (ara l-premessa (10)), iż-żminijiet meħtieġa għall-eżekuzzjoni (ara l-premessa (12)) u t-tulijiet tal-kuntratti (ara l-premessi (15), (16) u (18)) iqisu l-ispeċifiċitajiet ta' fornituri tal-kapaċità potenzjali biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn teknoloġiji differenti u bejn kapaċitajiet ġodda u eżistenti.

(110) L-Artikolu 22(1), il-punti (d) u (f), rispettivament tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi li l-fornituri tal-kapaċità jridu jintgħażlu permezz ta' proċess trasparenti, mhux diskriminatorju u kompetittiv u li r-remunerazzjoni tagħhom trid tiġi ddeterminata permezz tal-proċess kompetittiv. Skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti, il-fornituri tal-kapaċità jintgħażlu permezz ta' rkantijiet. Il-parametri tal-irkantijiet huma disponibbli għall-pubbliku u ddeterminati ferm qabel l-irkantijiet (ara l-premessi (11) u (13)). Il-kriterji ta' eliġibbiltà u karatteristiċi oħra tat-tfassil imsemmija fil-premessi (11) u (13) jiżguraw li l-irkantijiet ma jkunux diskriminatorji u jkunu kompetittivi. L-irkant huwa rkant bi ħlas skont il-prezz ta' kklirjar, fejn il-ħin jibda jonqos, li jagħlaq meta jkun ġie identifikat l-aktar prezz baxx li bih id-domanda tissodisfa l-provvista (ara l-premessa (13)).

(111) L-Artikolu 22(1)(b) tar-Regolament dwar l-Elettriku jiddikjara li l-mekkaniżmi ta' kapaċità ma jistgħux joħolqu distorsjonijiet tas-suq bla bżonn u ma jistgħux jillimitaw il-kummerċ transżonali. Il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti jagħti remunerazzjoni biss għad-disponibbiltà u mhux għall-elettriku prodott reali (ara l-premessa (9)), u l-proċess kompetittiv ta' allokazzjoni jiżgura li d-dħul iġġenerat mis-suq tal-kapaċità jkun limitat għall-minimu neċessarju u jippermetti lis-suq bl-ingrossa jibgħat sinjali xierqa tal-prezz u tal-investiment. Barra minn hekk, il-proċess kompetittiv ta' offerti huwa miftuħ u mhux diskriminatorju (ara l-premessi (11) u (13)).

(112) Skont l-Artikolu 22(1), il-punti (e) u (i), rispettivament tar-Regolament dwar l-Elettriku, il-mekkaniżmi ta' kapaċità jridu jipprovdu inċentivi għall-fornituri tal-kapaċità biex ikunu disponibbli fi żminijiet ta' stress mistenni fuq is-sistema u japplikaw penali xierqa għall-fornituri tal-kapaċità li mhumiex disponibbli fi żminijiet ta' stress tas-sistema.

(113) Skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti, il-pagamenti huma pprovduti biex il-fornituri tal-kapaċità jkunu disponibbli fi żminijiet ta' stress mistenni tas-sistema, u japplikaw penali f'każijiet ta' nuqqas ta' disponibbiltà (ara l-premessi (9) u (20)).

([29]) Skont dak l-Artikolu, mekkaniżmu ta' kapaċità: (b) ma jistax joħloq distorsjonijiet tas-suq bla bżonn u jillimita l-kummerċ transżonali; (c) ma jistax imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza; (d) irid jagħżel fornituri tal-kapaċità permezz ta' proċess trasparenti, mhux diskriminatorju u kompetittiv; (e) irid jipprovdi inċentivi biex il-fornituri tal-kapaċità jkunu disponibbli fi żminijiet ta' stress mistenni fuq is-sistema; (f) irid jiżgura li r-remunerazzjoni tiġi ddeterminata permezz ta' proċess kompetittiv; (g) irid jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi għall-parteċipazzjoni ta' fornituri tal-kapaċità qabel il-proċedura ta' selezzjoni; (h) irid ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni tar-riżorsi kollha li huma kapaċi jipprovdu l-prestazzjoni teknika meħtieġa, inklużi l-ħżin tal-enerġija u l-ġestjoni tad-domanda; u (i) irid japplika penali xierqa lill-fornituri tal-kapaċità li ma jkunux disponibbli fi żminijiet ta' stress tas-sistema.

(114) L-Artikolu 22(1), il-punt (c) tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi li mekkaniżmu ta' kapaċità ma jistax imur lil hinn minn dak li jkun neċessarju biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza. Il-metodoloġija deskritta fil-premessa (14) ta' hawn fuq tiżgura li dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat minħabba li: (a) it-tħassib dwar l-adegwatezza jiġi ddeterminat abbażi tar-rieda tal-konsumaturi li jħallsu għall-kapaċità (waqt li l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi rkantata jiġi ddeterminat mill-istandard ta' affidabbiltà); u (b) l-ammont ta' kapaċità meħtieġ biex jintlaħaq it-tħassib dwar l-adegwatezza huwa stabbilit filwaqt li titqies id-disponibbiltà probabbli tal-kapaċità, abbażi ta' proposta mit-TSO u bl-involviment tal-NRA.

(115) Dwar il-konformità mal-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku, il-Kummissjoni tinnota li n-natura kompetittiva tal-proċess ta' allokazzjoni (ara l-premessi (10), (11) u (13)) u t-tfassil tal-kurva tal-irkant (ara l-premessa (14)) jiżguraw li l-prezz mill-ikklerjar fi rkant ixaqleb lejn iż-żero jekk ikun hemm biżżejjed kapaċità fis-suq, f'konformità mar-rekwiżiti fil-punt (a). Barra minn hekk, il-mekkaniżmu eżistenti jinkludi suq sekondarju biex jiġi żgurat li l-obbligi ta' kapaċità jkunu trasferibbli bejn il-fornituri tal-kapaċità eliġibbli, f'konformità mal-punt (c). Ir-rekwiżit fil-punt (b), jiġifieri li l-mekkaniżmu ta' kapaċità jrid jirremunera r-riżorsi parteċipanti għad-disponibbiltà tagħhom biss u jiżgura li r-remunerazzjoni ma taffettwax id-deċiżjonijiet tal-fornitur tal-kapaċità dwar jekk għandux jiġġenera jew le, huwa ssodisfat għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (113) ta' hawn fuq.

(116) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi ta' hawn fuq, l-irkantijiet primarji huma konformi mal-Artikolu 22, il-paragrafi (1) u (3) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(117) L-Artikolu 22(4) tar-Regolament dwar l-Elettriku jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-limitu tal-emissjonijiet u l-limitu tal-baġit tal-karbonju. Il-Polonja introduċiet limitu tal-emissjonijiet u pprevjeniet il-parteċipazzjoni ta' impjanti eżistenti li jarmu aktar mil-limitu tal-emissjonijiet għal irkantijiet imwettqa wara l-31 ta' Diċembru 2019 (ara l-premessa (8)). Għalhekk, l-irkantijiet primarji li saru wara l-31 ta' Diċembru 2019 u għas-snin ta' konsenja wara l-2025 jikkonformaw mal-Artikolu 22(4) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(118) L-Artikolu 22(5) tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi li l-konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament dwar l-Elettriku hija mingħajr preġudizzju għall-impenji jew għall-kuntratti konklużi sal-31 ta' Diċembru 2019.

(119) Il-Kummissjoni tosserva li l-ftehimiet pluriennali dwar il-kapaċità (ara l-premessa (16)) konklużi qabel l-31 ta' Diċembru 2019 li jieħdu impenn għal pagamenti futuri, inklużi dawk għall-ġenerazzjoni li ma tissodisfax il-limitu tal-emissjonijiet, ġew issalvagwardjati f'konformità mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(120) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 64(2c)(a) jitqiesu ssodisfati.

5.3.2. *Artikolu 64(2c), il-punt (b): Proċessi tal-irkantijiet primarji – ammont ta' kapaċità mhux biżżejjed biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza*

(121) L-Artikolu 64(2c), il-punt (b) tar-Regolament dwar l-Elettriku jagħmel l-għoti tad-deroga soġġett għall-kundizzjoni li l-ammont ta' kapaċità offruta fil-proċess kompetittiv ta' offerti msemmi fil-punt (a) tal-istess paragrafu ma jkunx biżżejjed biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza għall-perjodu ta' konsenja kopert minn dak il-proċess ta' offerti. Jenħtieġ li t-tħassib dwar l-adegwatezza jiġi identifikat f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

5.3.2.1. Tħassib dwar l-adegwatezza identifikat mill-NRAA

(122) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku, l-Istati Membri jeħtiġilhom jimmonitorjaw l-adegwatezza tar-riżorsi fit-territorju tagħhom abbażi tal-ERAA msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar l-Elettriku. Sabiex jikkomplementaw l-ERAA, l-Istati Membri jistgħu jwettqu wkoll NRAA f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament dwar l-Elettriku. L-Artikolu 24(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku jirrikjedi li l-NRAAs ikunu reġjonali fl-ambitu u bbażati fuq il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 23(3) u b'mod partikolari fl-Artikolu 23(5), il-punti (b) sa (m), tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(123) NRAA trid tkun ibbażata fuq xenarji ta' referenza ċentrali xierqa, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku. Skont l-Artikolu 24(1)(a) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jinkludu sensittivitajiet fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tagħhom li jkunu marbuta mal-partikolaritajiet tad-domanda u tal-provvista nazzjonali tal-elettriku. Kif imsemmi fl-Artikolu 3(6) tal-metodoloġija tal-ERAA, dawn is-sensittivitajiet jistgħu jkopru firxa wiesgħa ta' bidliet fis-suppożizzjonijiet fiż-żona ġeografika kollha li tkun qed tiġi kkunsidrata, inklużi suppożizzjonijiet differenti dwar data tal-input bħall-kapaċitajiet installati, varjazzjonijiet fil-kapaċitajiet transżonali, u valutazzjonijiet differenti tar-robustezza tal-investimenti identifikati fl-EVA.

(124) Skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament dwar l-Elettriku, fejn l-NRAA tidentifika tħassib dwar l-adegwatezza li ma kienx identifikat fl-ERAA, l-NRAA trid tinkludi r-raġunijiet għad-diverġenza bejn iż-żewġ valutazzjonijiet, inklużi d-dettalji tas-sensittivitajiet użati u s-suppożizzjonijiet sottostanti. L-NRAA trid tiġi ppubblikata u sottomessa lill-ACER għal opinjoni. L-opinjoni tal-ACER trid tivvaluta jekk id-diverġenzi bejn iż-żewġ valutazzjonijiet ikunux ġustifikati.

(125) L-NRAA tikkostitwixxi l-aktar valutazzjoni reċenti dwar l-adegwatezza mwettqa mit-TSO Pollakk. Abbażi tal-NRAA, il-Polonja identifikat it-tħassib dwar l-adegwatezza msemmi fil-premessa (27) u tiġġustifika l-ħtieġa għad-deroga mitluba. Filwaqt li l-NRAA tkopri s-snin 2025 sa 2040, il-valutazzjoni f'din id-Deċiżjoni tiffoka fuq il-perjodu rilevanti għad-deroga mitluba, 2025-2028.

(126) Filwaqt li l-ERAA 2023 ma sabet l-ebda tħassib dwar l-adegwatezza għas-snin koperti mid-deroga mitluba, l-ERAA 2024 identifikat tħassib dwar l-adegwatezza għall-2026 u għall-2028. Filwaqt li l-ERAA 2024 tinsab fil-proċess li tiġi approvata jew emendata mill-ACER, id-data li hija msejsa fuqha hija bbażata fuq l-aktar żviluppi aġġornati tas-sistema u l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli u tappoġġa l-konklużjoni tal-NRAA li jeżisti tħassib dwar l-adegwatezza għall-perjodu kopert mid-deroga mitluba.

(127) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li hemm differenzi fl-ammont ta' tħassib dwar l-adegwatezza. L-ACER ipprovdiet opinjoni dwar l-NRAA, kif deskritt fit-Taqsima 3.2.3 ta' hawn fuq. Fl-opinjoni tagħha, l-ACER tqabbel l-NRAA mal-ERAA 2023, minħabba li għadha ma ġietx approvata l-ERAA 2024. Madankollu, l-ACER ma tikkwantifikax l-impatt tad-diverġenzi, la f'termini tal-LOLE u lanqas tal-EENS, jew f'termini tal-ammont ta' kapaċità neċessarja biex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni.

(128) Fir-rigward tad-differenzi bejn l-NRAA u l-ERAA 2023 fis-suppożizzjonijiet dwar ir-riżorsi tal-kapaċità, l-ACER sabet li dawn huma ġustifikati (ara l-premessa (52)).

*Differenzi fir-rigward tas-suppożizzjonijiet dwar ir-riżorsi tal-kapaċità*

(129) Skont l-Artikolu 23(5)(d) tar-Regolament dwar l-Elettriku, l-ERAA u l-NRAAs iridu jqisu b'mod xieraq il-kontribut tar-riżorsi eżistenti u futuri possibbli kollha. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(10) tal-metodoloġija tal-ERAA, jenħtieġ li d-data ekonomika użata għall-ERAA u għall-NRAAs tkun konsistenti mal-aktar stima reċenti disponibbli użata fl-aktar studju reċenti tas-CONE, kif stabbilit fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-metriċi tal-adegwatezza.

(130) Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-ACER tas-suppożizzjonijiet dwar ir-riżorsi tal-kapaċità u tqis li l-bidliet li saru fl-NRAA huma aġġornamenti raġonevoli bbażati jew fuq l-aktar studju nazzjonali reċenti tas-CONE jew fuq l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli ([30]).

*Differenza fir-rigward tal-immudellar tar-riżorsi tal-kapaċità*

(131) Fir-rigward tad-differenzi bejn l-NRAA u l-ERAA 2023 dwar l-immudellar tar-riżorsi tal-kapaċità, l-ACER ma setgħetx tikkonkludi jekk humiex ġustifikati (ara l-premessa (52)). Madankollu, l-ACER tinnota li l-kombinazzjoni tal-bidliet applikati fl-NRAA twassal għal aktar kapaċitajiet li joħorġu mis-sistema u għal żieda potenzjali fir-riskji ta' adegwatezza.

([30]) Intużaw suppożizzjonijiet tal-kostijiet speċifiċi għal-livell nazzjonali għall-kostijiet operatorji fissi tal-impjanti elettriċi tal-faħam eżistenti u għas-suppożizzjonijiet dwar ir-rispons tad-domanda u l-kapaċità ta' ħżin u l-enerġija nukleari, solari u mir-riħ. L-aktar studju reċenti tas-CONE ntuża biex jiġu stmati l-kostijiet ta' teknoloġiji potenzjali ta' entrati ġodda.

(132) Skont l-Artikolu 23(5)(b) tar-Regolament dwar l-Elettriku, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet tal-adegwatezza tar-riżorsi jinkludu valutazzjoni ekonomika tal-probabbiltà ta' rtirar, ta' sospensjoni temporanja u ta' kostruzzjoni ġdida tal-assi tal-ġenerazzjoni.

(133) Il-Kummissjoni tinnota li l-immudellar tal-EVA tar-riżorsi fl-NRAA huwa differenti minn dak użat fl-ERAA. Uħud mis-suppożizzjonijiet li jwasslu għal dawn id-diverġenzi mhumiex sostanzjati biżżejjed fl-NRAA jew fir-rapport imsemmi fit-Taqsima 3.2.4. B'mod partikolari, fir-rigward tal-EVA, il-Kummissjoni tosserva li fl-NRAA, id-deċiżjonijiet ekonomiċi jiġu ssimulati fuq il-bażi ta' sena kalendarja iżolata waħda, u d-dħul futur ma jiġix ikkunsidrat. B'kuntrast ma' dan, skont il-prattika ekonomika standard, id-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-ġeneraturi u tal-investituri tipikament ikunu bbażati fuq il-kostijiet u fuq id-dħul imbassra fuq perjodu itwal.

(134) Il-Kummissjoni tinnota li l-NRAA tassumi li sehem akbar ta' impjanti ssirilhom manutenzjoni f'Jannar, xahar li fih l-aktar li jseħħu eventi ta' skarsezza. Dan inaqqas id-disponibbiltà tar-riżorsi, u b'hekk jaffettwa r-riskju ta' adegwatezza.

(135) Is-simulazzjoni tad-deċiżjonijiet ekonomiċi abbażi tal-kostijiet u tad-dħul għal sena waħda mhijiex allinjata mal-prattika ekonomika standard, peress li tista' twassal għall-ħruġ bikri ta' xi impjanti tal-enerġija mis-suq minkejja li jistgħu jkunu profittabbli matul il-ħajja ekonomika tal-assi. Barra minn hekk, il-Polonja ma ssottomettietx provi suffiċjenti fir-rigward tal-iskedi ta' manutenzjoni tal-impjanti tal-enerġija. Għalhekk, sabiex dawn l-elementi fl-NRAA jiġu allinjati mar-Regolament dwar l-Elettriku u mal-metodoloġija tal-ERAA, jenħtieġ li l-NRAA tistma l-probabbiltà ta' rtirar, ta' sospensjoni temporanja u ta' kostruzzjoni ġdida tal-assi ta' ġenerazzjoni abbażi tad-dħul u tal-kostijiet stmati fuq perjodu ta' 10 snin, minflok għal sena waħda. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Polonja tiġġustifika s-suppożizzjonijiet dwar ix-xejriet ta' manutenzjoni abbażi tal-iskedi ta' manutenzjoni attwali u tispjega kif dawn ix-xejriet huma relatati mal-istimi fl-NRAA, sabiex turi li dawn jikkostitwixxu speċifiċità nazzjonali tal-flotta tal-ġeneraturi Pollakka.

(136) L-NRAA tassumi li, mingħajr il-mekkaniżmu ta' kapaċità, bejn l-2025 u l-2028 ma jidħlux fis-suq rispons tad-domanda, ħżin u impjanti tal-enerġija mħaddma bil-gass.

(137) Għar-rispons tad-domanda, dawn is-suppożizzjonijiet huma allinjati mal-ERAA 2023. Madankollu, l-ERAA 2023 tistma li l-batteriji u l-impjanti mħaddma bil-gass jidħlu fis-suq fl-2025-2028 u fl-2028 rispettivament. Kif rikonoxxut ukoll fl-opinjoni tal-ACER, is-suppożizzjoni fl-NRAA dwar id-dħul fis-suq ta' impjanti tal-enerġija ġodda mħaddma bil-gass hija aġġornament raġonevoli, peress li l-NRAA Pollakka ġiet iffinalizzata aktar tard mill-ERAA 2023. Barra minn hekk, l-ikkummissjonar ta' impjanti tal-enerġija mħaddma bil-gass fuq bażi tas-suq fis-snin koperti mid-deroga mitluba (2025-2028) huwa improbabbli ħafna minħabba ż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tagħhom u t-tul tal-proċeduri meħtieġa sabiex jinkisbu l-permessi tal-bini u l-approvazzjonijiet għall-konnessjonijiet mal-grilja. Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll għad-dħul il-ġdid ta' installazzjonijiet tal-ħżin matul il-perjodu kopert mid-deroga mitluba.

*Differenzi fir-rigward tas-suppożizzjonijiet dwar l-iskambji transżonali*

(138) Fir-rigward tad-differenzi bejn l-NRAA Pollakka u l-ERAA 2023 fuq is-suppożizzjonijiet dwar l-iskambji transżonali, l-ACER tqis li dawn mhumiex ġustifikati (ara l-premessa (52)).

(139) L-Artikolu 23(5)(d) tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi li l-metodoloġija tal-ERAA, li l-NRAAs iridu jsegwu wkoll, trid tqis il-kontribut tar-riżorsi kollha kif xieraq, inklużi l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u l-kontribut tagħhom għat-tħaddim flessibbli tas-sistema.

(140) Filwaqt li l-ERAA 2023 tieħu approċċ reġjonali u timmudella b'mod espliċitu bosta żoni tal-offerti, l-NRAA Pollakka ma timmudellax b'mod espliċitu ż-żoni tal-offerti barranin. B'riżultat ta' dan, tipprovdi viżibbiltà limitata tad-domanda u tal-provvista fil-pajjiżi ġirien. Barra minn hekk, l-NRAA tqis il-kontributi tal-importazzjonijiet għall-adegwatezza b'mod simplifikat u ma tqisx l-esportazzjonijiet affattu. Dawn is-suppożizzjonijiet dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet jistgħu jirriżultaw fi tħassib ogħla dwar l-adegwatezza li jiġi identifikat fl-NRAA minn dawk identifikati fl-ERAA.

(141) Fir-rigward tal-importazzjonijiet, l-NRAA tuża medja simplifikata ta' valuri tax-xitwa - perjodu li fih l-iskarsezza x'aktarx isseħħ simultanjament madwar ir-reġjun u l-esportazzjonijiet lejn il-Polonja jitnaqqsu - u tapplikaha matul is-sena kollha, anke jekk l-importazzjonijiet tipikament ikunu ogħla matul is-sajf.

(142) Skont il-Polonja, id-diverġenza fis-suppożizzjonijiet dwar l-importazzjoni hija ġġustifikata mill-applikazzjoni ta' approċċ li fil-fehma tagħha huwa konsistenti mal-metodoloġija tal-parteċipazzjoni transfruntiera (l-Artikolu 26(11)(a) tar-Regolament dwar l-Elettriku) (ara l-premessa (55)). Madankollu, jenħtieġ li din il-metodoloġija tintuża biss biex jiġi ddeterminat kemm il-kapaċità barranija tista' tipparteċipa fil-mekkaniżmu ta' kapaċità wara li tkun twettqet il-valutazzjoni tal-adegwatezza.

(143) Madankollu, id-distribuzzjoni tas-sigħat stmati ta' enerġija mhux ipprovduta matul is-sena hija rilevanti għad-dimensjonar tal-irkantijiet tal-kapaċità. Il-Polonja tista' tikkunsidra din id-distribuzzjoni, filwaqt li tqis sitwazzjonijiet ta' skarsezza simultanja, meta tiddetermina l-ammonti li għandhom jiġu akkwistati permezz ta' rkantijiet tal-kapaċità.

(144) Fir-rigward tas-suppożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni, l-NRAA tistma l-esportazzjonijiet għal żero MW għas-snin koperti mid-deroga. Din is-suppożizzjoni tinfluwenza d-dħul iġġenerat mill-esportazzjonijiet u, għalhekk, jista' jkollha impatt fuq id-deċiżjonijiet ta' dekummissjonar. Is-suppożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-NRAA mhumiex sostanzjati b'mod adegwat abbażi tal-evidenza jew tar-riżultati tal-immudellar, la fl-NRAA u lanqas fir-rapport imsemmi fit-Taqsima 3.2.4. Għalhekk, l-ammont ta' elettriku li għandu jiġi esportat mill-Polonja fil-futur jenħtieġ li jiġi stmat abbażi ta' eżerċizzju ta' mmudellar u bl-użu ta' suppożizzjonijiet raġonevoli, bħas-sett ta' data disponibbli fl-ERAA.

(145) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku, l-ammont ta' kapaċità neċessarja biex jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà jeħtieġ li jiġi kkalkolat mill-ġdid abbażi ta' NRAA aġġornata. B'mod partikolari, l-NRAA trid:

(a) tistma l-ammont ta' elettriku li għandu jiġi esportat mill-Polonja fil-futur abbażi tar-riżultat ta' eżerċizzju ta' mmudellar u bl-użu ta' suppożizzjonijiet raġonevoli; u

(b) tistma l-probabbiltà ta' rtirar, ta' sospensjoni temporanja u ta' kostruzzjoni ġdida tal-assi ta' ġenerazzjoni abbażi ta' dħul u ta' kostijiet stmati fuq perjodu ta' 10 snin, minflok għal sena waħda; u

(c) tiġġustifika s-suppożizzjonijiet dwar ix-xejriet ta' manutenzjoni abbażi tal-iskedi ta' manutenzjoni attwali u tispjega kif dawn ix-xejriet huma relatati mal-istimi fl-NRAA, sabiex turi li dawn jikkostitwixxu speċifiċità nazzjonali tal-flotta tal-ġeneraturi Pollakka.

#### 5.3.2.2. Ammont ta' kapaċità mhux biżżejjed biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza

(146) Kif iddikjarat fil-premessa (27), l-irkantijiet supplimentari għal perjodu ta' konsenja partikolari jitwettqu meta l-ħtieġa għal kapaċità addizzjonali tkun iġġustifikata fuq il-bażi tar-riżultati tal-NRAA u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— ikunu ġew konklużi l-irkantijiet primarji (l-irkantijiet ewlenin u addizzjonali) għall-perjodu ta' konsenja partikolari; u

— l-irkantijiet primarji (l-irkantijiet ewlenin u addizzjonali) ikunu naqsu milli jakkwistaw volum ta' kapaċità suffiċjenti biex jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà għal perjodu ta' konsenja partikolari, u b'hekk ikunu naqsu milli jindirizzaw it-tħassib dwar l-adegwatezza tar-riżorsi identifikat skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(147) Abbażi tal-NRAA, il-Polonja indikat fit-Table 1 ta' hawn fuq l-obbligi totali ta' kapaċità meħtieġa biex jintlaħaq l-istandard ta' affidabbiltà fis-snin koperti mid-deroga (2025-2028). Il-Polonja diġà kkuntrattat il-kapaċità permezz tal-irkantijiet ewlenin għas-snin ta' konsenja 2025 sa 2028 u permezz tal-irkantijiet addizzjonali għas-snin ta' konsenja 2025 u 2026. L-irkantijiet addizzjonali għas-snin ta' konsenja 2027 u 2028 għadhom ma sarux, peress li dawn l-irkantijiet isiru fis-sena ta' qabel il-perjodu ta' konsenja (ara l-premessa (12)). Kif muri fit-Table 2, il-kapaċità kkuntrattata f'dawn l-irkantijiet mhijiex biżżejjed biex tissodisfa l-obbligi totali ta' kapaċità meħtieġa.

(148) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżit proċedurali skont l-Artikolu 64(2c), il-punt (b), tar-Regolament dwar l-Elettriku huwa ssodisfat, peress li l-Polonja kkonfermat li l-irkantijiet supplimentari se jsiru biss wara li jkunu ġew konklużi l-irkantijiet primarji u biss jekk dawk l-irkantijiet ikunu naqsu milli jakkwistaw kapaċità suffiċjenti biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza identifikat mill-NRAA għall-perjodu ta' konsenja kopert minn dawk il-proċessi tal-irkant.

(149) Madankollu, kif indikat hawn fuq, jenħtieġ lil-NRAA tiġi aġġornata kif deskritt fil-premessa (145).

(150) Barra minn hekk, l-NRA Pollakka jeħtiġilha tivverifika jekk l-ammont totali ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata skont l-NRAA aġġornata jkunx ġustifikat u, b'mod partikolari, jekk dan ikunx jirrifletti l-ħtiġijiet tas-sistema f'sitwazzjonijiet ta' skarsezza simultanja.

### 5.3.3. *Artikolu 64(2c), il-punt (c): Irkantijiet supplimentari*

(151) Kif innotat fil-premessa (31), il-Polonja kkonfermat li l-irkantijiet supplimentari jitwettqu f'konformità mal-istess kundizzjonijiet tat-tfassil bħal dawk applikati għall-irkantijiet primarji, kif deskritt fit-Taqsima 2 ta' hawn fuq, ħlief għall-elementi li ġejjin deskritti fil-premessa (31): i) il-kriterji ta' eliġibbiltà; ii) il-frekwenza tal-irkantijiet; iii) il-formula biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata; u iv) id-durata tal-kuntratt.

(152) Fir-rigward tal-karatteristiċi tat-tfassil tal-irkantijiet supplimentari li ma jvarjawx minn dawk tal-irkantijiet primarji, il-Kummissjoni tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (108) sa (116) ta' hawn fuq, u tqis li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Elettriku, ħlief għal dawk stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punt (b), ta' dak l-Artikolu.

#### 5.3.3.1. Kriterji ta' eliġibbiltà

(153) L-eliġibbiltà għall-irkantijiet supplimentari hija aktar ġenerali minn dik għall-irkantijiet primarji peress li huma miftuħa għal impjanti eżistenti li ma jissodisfawx il-limitu tal-emissjonijiet stabbilit fl-Artikolu 22(4), il-punt (b), tar-Regolament dwar l-Elettriku. Il-Kummissjoni tinnota li dan jikkostitwixxi element tad-deroga mitluba u huwa allinjat mal-Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku.

(154) Fir-rigward tal-parteċipazzjoni transfruntiera fi rkantijiet supplimentari, il-Kummissjoni tinnota li l-fornituri tal-kapaċità barranin jistgħu jipparteċipaw fi rkantijiet supplimentari skont l-istess proċedura bħal fl-irkantijiet primarji, li hija stabbilita fil-premessa (10). L-ammont offrut fi rkantijiet supplimentari jiġi kkalkolat billi jitnaqqas l-ammont ta' kapaċità diġà allokata lill-parteċipanti barranin permezz ta' rkantijiet primarji mill-kapaċità massima ta' dħul disponibbli għall-parteċipazzjoni fil-kapaċità barranija, li tiġi kkalkolata f'konformità mal-metodoloġija tal-ACER dwar il-parteċipazzjoni transfruntiera.

(155) Peress li l-kapaċità massima ta' dħul disponibbli għall-parteċipazzjoni fil-kapaċità barranija tipprovdi stima tal-punt sa fejn il-kapaċità barranija tista' tikkontribwixxi għall-adegwatezza tal-ġenerazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' stress fuq is-sistema, l-istess kapaċità ma tistax tiġi allokata darbtejn għall-istess perjodu ta' konsenja permezz tal-proċessi tal-irkantijiet primarji u supplimentari.

(156) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-formula applikata għall-kalkolu tal-ammont ta' kapaċità offruta għall-parteċipazzjoni transfruntiera fi rkantijiet supplimentari hija xierqa.

#### 5.3.3.2. Frekwenza tal-irkantijiet

(157) Fir-rigward tad-differenzi fil-frekwenza tal-irkantijiet bejn l-irkantijiet primarji u supplimentari, il-Kummissjoni tirreferi għar-raġunament stabbilit fit-Taqsima 5.3.2.2. u tqis li dawn huma xierqa, peress li l-irkantijiet supplimentari jsiru biss wara li l-irkantijiet primarji jkunu kkonkludew u biss jekk dawk l-irkantijiet ikunu naqsu milli jakkwistaw kapaċità suffiċjenti biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza identifikat mill-NRAA għall-perjodu ta' konsenja kopert minn dawk l-irkantijiet.

#### 5.3.3.3. Tul il-kuntratt u durata tal-perjodu ta' konsenja

(158) L-Artikolu 64(2c), il-punt (c), tar-Regolament dwar l-Elettriku jipprevedi li kapaċità ta' emissjoni ta' aktar mil-limitu tal-emissjonijiet tista' tkun impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri għal perjodu ta' mhux aktar minn sena u għal perjodu ta' konsenja li ma jaqbiżx id-durata tad-deroga.

(159) L-unitajiet ta' ġenerazzjoni li ma jissodisfawx il-limitu tal-emissjonijiet jingħataw l-għażla li jidħlu f'kuntratti ta' mhux aktar minn sena (ara l-premessa (28)). Dawn se jkunu jistgħu jidħlu f'kuntratt ta' 6 xhur (it-tieni nofs tal-2025) jew ta' sena (2026, 2027 jew 2028) permezz tal-irkantijiet supplimentari.

(160) Il-kuntratti annwali ma jistgħux jaqbżu d-durata tad-deroga mitluba, li tintemm fil-31 ta’ Diċembru 2028. Għaldaqstant, il-pagamenti tal-kapaċità se jkunu impenjati biss sa mhux aktar tard minn tmiem l-2028 (ara l-premessa (37)).

(161) Għalhekk, it-tul tal-kuntratt u d-durata tal-perjodu ta’ konsenja huma allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 64(2c), il-punt (c), tar-Regolament dwar l-Elettriku.

#### 5.3.3.4. Ammont ta’ kapaċità neċessarju biex jiġi solvut it-tħassib dwar l-adegwatezza

(162) L-Artikolu 64(2c), il-punt (c), tar-Regolament dwar l-Elettriku jirrikjedi li l-kapaċità tiġi akkwistata permezz ta’ proċess tal-irkant addizzjonali biss għall-ammont ta’ kapaċità li jkun meħtieġ biex jiġi solvut it-tħassib dwar l-adegwatezza msemmi fil-punt (b) tal-istess paragrafu.

(163) Il-Polonja kkonfermat li jekk ir-riżultati tal-NRAA juru l-ħtieġa ta’ irkantijiet supplimentari, dawk l-irkantijiet ikunu limitati għall-akkwist tal-ammont ta’ kapaċità neċessarju biex jintlaħaq l-istandard ta’ affidabbiltà, f’konformità mal-formula stabbilita fil-premessa (35) ta’ hawn fuq ([31]).

(164) Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżit proċedurali skont l-Artikolu 64(2c), il-punt (c), tar-Regolament dwar l-Elettriku huwa ssodisfat, peress li l-formula stabbilita fil-premessa (35) tiżgura li l-irkantijiet supplimentari jikkuntrattaw biss l-ammont ta’ kapaċità li jkun meħtieġ biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza.

(165) Madankollu, jenħtieġ li l-NRAA tiġi aġġornata kif deskritt fil-premessa (145) u rrieżaminata mill-NRA kif deskritt fil-premessa (150).

### 5.4. Valutazzjoni tar-rapport li jakkumpanja t-talba għal deroga, inkluż l-impatt tad-deroga mitluba f’termini ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra

(166) Skont l-Artikolu 64(2c), “[i]l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tat-talba msemmija fil-paragrafu 2b f’termini ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra. Il-Kummissjoni tista’ tagħti d-deroga wara li tivvaluta r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2d”, l-Artikolu 64(2d).

(167) Skont l-Artikolu 64(2d) tar-Regolament dwar l-Elettriku, it-talba għal deroga trid tkun akkumpanjata minn rapport mill-Istat Membru li jrid jinkludi:

(a) valutazzjoni tal-impatt tad-deroga f’termini ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra, u fuq it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, iż-żieda fil-flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons tad-domanda;

(b) pjan bi stadji importanti għat-tranżizzjoni lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-kapaċità ta’ ġenerazzjoni msemmija fil-paragrafu 2b fil-mekkaniżmi ta’ kapaċità sad-data tal-iskadenza tad-deroga, inkluż pjan għall-akkwist tal-kapaċità ta’ sostituzzjoni neċessarja f’konformità mat-trajettorja nazzjonali indikattiva għas-sehem ġenerali ta’ enerġija rinnovabbli u valutazzjoni tal-ostakli għall-investiment li jikkawżaw in-nuqqas ta’ offerti suffiċjenti fil-proċedura kompetittiva ta’ offerti msemmija fil-paragrafu 2c, il-punt (a).

(168) Il-Polonja ssottomettiet rapport li fih l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 64(2d). B’mod speċifiku, il-Polonja ssottomettiet:

— valutazzjoni tal-impatt tad-deroga fuq l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra (ara l-premessi (56) sa (61));

— valutazzjoni tal-impatt fuq it-tranżizzjoni tal-enerġija (ara l-premessi (62) sa (66));

— valutazzjoni tal-ostakli għall-investiment abbażi ta’ stħarriġiet imwettqa mill-Ministeru u mill-NRA (ara l-premessi (67) sa (71)); u

— pjan għat-tranżizzjoni lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-kapaċità li ma tissodisfax il-limitu tal-emissjonijiet fil-mekkaniżmu ta’ kapaċità eżistenti (ara l-premessi (72) sa (85)).

([31]) Ara l-premessa 36 ta’ hawn fuq għall-ATC stmata għall-irkantijiet supplimentari għas-snin ta’ konsenja 2025 sa 2028.

(169) Fir-rapport, meta tivvaluta l-impatt tad-deroga fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-Polonja tqabbel iż-żewġ xenarji ppreżentati fl-NRAA: ix-xenarju li fih il-kapaċità li ma tissodisfax il-limitu tal-emissjonijiet hija koperta mid-deroga mitluba u x-xenarju li fih ma tiġix applikata d-deroga mitluba.

(170) Il-Kummissjoni tinnota li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma ogħla fix-xenarju fejn tiġi applikata d-deroga mitluba, peress li dan ix-xenarju jinvolvi użu akbar tal-ġenerazzjoni mħaddma bil-faħam fis-sistema. Madankollu, iż-żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra hija moderata (ara l-premessa (59)). Barra minn hekk, id-deroga tkun tapplika biss għal numru limitat ta' snin (2025-2028) u tippermetti biss l-akkwist tal-ammont ta' kapaċità neċessarju biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-adegwatezza identifikat fl-NRAA, li jenħtieġ li tiġi emendata f'konformità mal-premessi (145) u (150). Jekk l-NRAA emendata tkompli tindika tħassib dwar l-adegwatezza li ma jistax jiġi indirizzat permezz tal-irkantijiet primarji, il-Polonja ma tkunx tista' tissodisfa l-istandard ta' affidabbiltà tagħha mingħajr id-deroga.

(171) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (59), (74), u (81) ta' hawn fuq, mhuwiex probabbli li kapaċità ġdida konsenjabbli tidħol fis-suq mingħajr appoġġ pubbliku matul il-perjodu kopert mid-deroga. Wara l-iskadenza tad-deroga, il-kapaċitajiet li jarmu aktar mil-limitu tal-emissjonijiet mhux se jibqgħu eliġibbli biex jipparteċipaw fis-suq tal-kapaċità.

(172) Il-Polonja tantiċipa li numru limitat biss ta' dawn il-kapaċitajiet se jkunu profittabbli fis-suq tal-enerġija, minħabba n-nuqqas ta' inċentivi finanzjarji, il-kostijiet għoljin ta' manutenzjoni u operatorji, u n-numru baxx ta' sigħat ta' tħaddim u d-dħul baxx korrispondenti. Dan x'aktarx jirriżulta fid-dekummissjonar ta' tali impjanti wara l-iskadenza tad-deroga (ara l-premessa (73) ta' hawn fuq). Il-Kummissjoni tinnota li s-sehem imnaqqas previst tal-ġenerazzjoni mħaddma bil-faħam jenħtieġ li jipprovdi inċentivi għall-investimenti privati u pubbliċi biex jissostitwixxu l-kapaċità ta' ġenerazzjoni mħaddma bil-faħam. Għalhekk, id-deroga tiżgura li investimenti bħal dawn ikunu jistgħu jiġu ppjanati kif xieraq biex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni ordnata lejn sistema tal-elettriku anqas intensiva fil-karbonju fit-terminu medju, filwaqt li jittaffew ir-riskji għas-sigurtà tal-enerġija.

(173) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, għall-perjodu kopert mid-deroga mitluba, il-Polonja diġà akkwistat jew qed tippjana li takkwista, permezz tal-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti u skemi oħra ta' sostenn, kapaċità ta' emissjonijiet aktar baxxi (ara l-premessi (76) u (78)). Ir-riżultati tal-irkantijiet primarji, b'mod partikolari dawk l-aktar reċenti (ara l-premessa (78)) juru li l-kapaċità li tissodisfa l-limitu tal-emissjonijiet kienet ta' suċċess fl-irkantijiet tal-kapaċità.

(174) Fir-rigward tar-riformi regolatorji li jrawmu l-investimenti meħtieġa biex tiġi ssostitwita l-ġenerazzjoni mħaddma bil-faħam, il-Polonja se tkompli tapplika l-miżuri inklużi fil-pjan ta' implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Polonja ressqet miżuri regolatorji addizzjonali bi skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni, bħat-tneħħija tal-limitazzjonijiet għall-varar tal-enerġija eolika fuq l-art, l-aċċellerazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi u t-titjib tal-proċess tal-konnessjoni mal-grilja. Dawn il-miżuri se joħolqu kundizzjonijiet tas-suq aktar favorevoli għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, fir-rispons tad-domanda, fil-ħżin, fil-ġenerazzjoni mħaddma bil-gass, fil-kapaċità ta' trażmissjoni u ta' interkonnessjoni (ara l-premessi (82) sa (85)).

## 6. **DURATA TAD-DEROGA**

(175) L-Artikolu 64(2c), l-aħħar subparagrafu, tar-Regolament dwar l-Elettriku jistabbilixxi li d-deroga tista' tiġi applikata sal-31 ta' Diċembru 2028, dment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 5.3 ta' hawn fuq għad-durata kollha tad-deroga.

(176) Dan ir-rekwiżit huwa maħsub biex jiżgura li, jekk id-deroga tingħata għal 3 snin, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 64(2c), il-punti (a) sa (c), ma jiġux issodisfati biss fiż-żmien meta tingħata d-deroga iżda jiġu ssodisfati sa tmiem il-perjodu ta' 3 snin.

(177) Kif imsemmi fil-premessa (2), il-Polonja talbet deroga mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 22(4), il-punt (b), tar-Regolament dwar l-Elettriku mill-1 ta' Lulju 2025 sal-31 ta' Diċembru 2028.

(178) Il-Kummissjoni tirreferi għall-valutazzjoni skont it-Taqsima 5.3 ta' hawn fuq u tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 64(2c), il-punti (a) sa (c), tar-Regolament dwar l-Elettriku huma ssodisfati għas-sena ta' konsenja 2025. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Polonja għamlet l-ewwel irkant supplimentari f'Mejju 2025, qabel ma ħarġet din id-Deċiżjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-ewwel irkant supplimentari sar bil-kundizzjoni li r-riżultati finali tal-irkant jithabbru biss wara li tiġi adottata din id-Deċiżjoni (ara l-premessa (30)).

(179) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-Polonja stabbiliet salvagwardji biex tiżgura li dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati wkoll għas-snin ta' konsenja sussegwenti (ara pereżempju l-premessi (27), (31), (34)). Il-Kummissjoni tinnota li, jekk ikun meħtieġ, il-Polonja torganizza rkantijiet supplimentari għall-perjodi ta' konsenja li ġejjin: it-tieni nofs tal-2025 (kuntratt semiannwali) u s-snin ta' konsenja 2026, 2027 u 2028 (kuntratti annwali).

(180) Jenħtieġ li l-Polonja tinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla li tagħmel fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 64(2c), il-punti (a) sa (c), tar-Regolament dwar l-Elettriku matul il-perjodu kopert mid-deroga.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(181) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, tingħata deroga skont l-Artikolu 64(2b) tar-Regolament dwar l-Elettriku lill-Polonja, soġġetta għall-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Tingħata deroga lir-Repubblika tal-Polonja mill-Artikolu 22(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 fir-rigward tal-limitu tal-emissjonijiet għall-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti approvat mill-Kummissjoni qabel l-4 ta' Lulju 2019, soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-Polonja temenda l-NRAA biex tqis il-kwistjonijiet deskritti fil-premessa (145) ta' hawn fuq. B'mod partikolari, l-NRAA għandha:

   (i) tistma l-ammont ta' elettriku li għandu jiġi esportat mill-Polonja fil-futur abbażi tar-riżultat ta' eżerċizzju ta' mmudellar u bl-użu ta' suppożizzjonijiet raġonevoli; u

   (ii) tistma l-probabbiltà ta' rtirar, ta' sospensjoni temporanja u ta' kostruzzjoni ġdida tal-assi ta' ġenerazzjoni abbażi ta' dħul u ta' kostijiet stmati fuq perjodu ta' 10 snin, minflok għal sena waħda; u

   (iii) tiġġustifika s-suppożizzjonijiet dwar ix-xejriet ta' manutenzjoni abbażi tal-iskedi ta' manutenzjoni attwali u tispjega kif dawk ix-xejriet huma relatati mal-istimi fl-NRAA sabiex turi li dawn jikkostitwixxu speċifiċità nazzjonali tal-flotta tal-ġeneraturi Pollakka.

(b) L-NRA Pollakka tivverifika jekk l-ammont totali ta' kapaċità li għandha tiġi akkwistata skont l-NRAA aġġornata jkunx ġustifikat u, b'mod partikolari, jekk dan ikunx jirrifletti l-ħtiġijiet tas-sistema f'sitwazzjonijiet ta' skarsezza simultanja.

*Artikolu 2*

Ir-Repubblika tal-Polonja tista' tippermetti li l-kapaċità ta' ġenerazzjoni li bdiet il-produzzjoni kummerċjali qabel l-4 ta' Lulju 2019 u li tarmi aktar minn 550 g ta' $CO_2$ li joriġina mill-fjuwils fossili għal kull kWh ta' elettriku tkun eċċezzjonalment impenjata jew tirċievi pagamenti jew impenji għal pagamenti futuri wara l-1 ta' Lulju 2025 fi rkantijiet supplimentari skont il-mekkaniżmu ta' kapaċità eżistenti approvat mill-Kummissjoni qabel l-4 ta' Lulju 2019.

*Artikolu 3*

Id-deroga mogħtija skont l-Artikolu 1 għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2028, dment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 64(2c) tar-Regolament (UE) 2019/943 għad-durata kollha tad-deroga.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta’ Awwissu 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Dan JØRGENSEN
*Membru tal-Kummissjoni*